# MALTA

## DEBATES TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

*(Rapport Ufficjali u Rivedut)*

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 548**

**L-Erbgħa, 6 ta' Ġunju, 2001**

**Stampat fl-Ufficcju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 548**

**L-Erbgħa, 6 ta' Ġunju, 2001**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fil-Kamra tal-Parlament, il-Palazz, il-Belt Valletta, fis-6.09 p.m.**

**Talba**

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

### ABBOZZ TA’ LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

### *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*L-ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mill-5 ta’ Ġunju 2001.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**MR SPEAKER:** Il-Viċi Prim Ministru huwa *in possession.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mr Speaker, il-bieraħ għamilt il-partijiet ta’ l-introduzzjoni tad-diskors tiegħi u issa se nipprova nelabora fuq it-tliet raġunijiet li semmejt għaliex qegħdin nipproponu dan l-abbozz ta’ liġi quddiem din il-Kamra. Il-bieraħ għedt li l-ewwel raġuni hija li din il-liġi ilha li saret mill-1978 u għalhekk għadda żmien biżżejjed fuqha u lkoll kemm aħna għandna nħossu li għandna ngħadduha minn proċess ta’ aġġornament.

Irrid nistabilixxi bħala fatt illi kulħadd jaqbel li din il-liġi pprovditilna esperjenza pożittiva. Bis-saħħa tagħha rajna żvilupp ta' koperativi f'pajjiżna, żvilupp interessanti illi beda oriġinament fl-oqsma ta’ l-agrikotura u s-sajd u fil-*perception* popolari; għax kważi l-kunċett tal-koperativi kien iffukat l-iktar fuq l-oqsma ta’ l-agrikoltura u s-sajd. Pero' llum b'mod partikolari f'dawn l-aħħar ftit snin, rajna żvilupp fil-moviment tal-koperativi u anke f'oqsma oħrajn. Fil-fatt, fl-aħħar tnax–il xahar jiena nirreġistra b’sodisfazjon, illi rajna t-twelid ta' koperativi ta' tobba; koperativi li x-xogħol tagħhom huwa marbut ma’ dak li għandu x'jaqsam mal-*marketing* u l-*advertising,* kif ukoll rajna koperativa li għandha x' taqsam mal-*management* u mal-*business engineering*.

Żvilupp ieħor pożittiv immens li lili tani veru pjaċir u li seħħ f'dawn l-aħħar tnax –il xahar kien li kellna l-ewwel koperativi soċjali u kulturali. Rajna t-twelid tal-koperativi għal *single parents,* għat-teatru, għad-drama, eċċ. Illum għandna sitta u erbgħin koperativa - għall-inqas din hi l-aħħar ċifra li għandi *updated* - u rrid ngħid, li sal-1998 minn kalkolu li kien sar jirriżulta li t-*turnover* totali ta' dawn il-koperativi f'pajjiżna kien ta' Lm22 miljun, *turnover* sodisfaċenti ħafna li juri li hemm kontribut sostanzjali lejn l-ekonomija tagħna. Dan kollu huwa frott ta’ liġi li kienet tajba, imma li llum għandna lkoll naqblu li wara tlieta u għoxrin sena għandha tiġi aġġornata.

It-tieni raġuni li spjegajt il-bieraħ għaliex qegħdin inressqu f’din il-Kamra dan l-abbozz hi, li aħna nemmnu li l-mudell koperativa huwa mudell tajjeb, għalhekk jistħoqqlu l-appoġġ u l-għajnuna kollha tagħna biex ikun jista’ jkompli jiżviluppa. Dan huwa mudell mibni minn fuq valur soċjali qawwi fejn l-imsieħba fil-koperattiva huma stess jaqsmu bejniethom ir-riżultat, il-frott tal-ħidma komuni tagħhom. Hawnhekk m'għandniex sitwazzjoni ta' *shareholders* u diretturi, imma għandna sitwazzjoni fejn kulħadd huwa *shareholder* u kulħadd huwa direttur. Kulħadd huwa parteċipi b'valur qawwi ta' sħubija, ta' solidarjeta’, ta' għajnuna bejn membru u ieħor.

F'dan is-sens kien tajjeb ħafna, u wieħed jieħu gost jinnota, li amministrazzjonijiet differenti appoġaw l-inizjattiva biex tintefa' ż-żerriegħa ta' dawn il-valuri fil-moviment koperattiv saħansitra mit-tfulija, jew aħjar biex it-tfal jidraw japprezzaw dawn il-koperattivi sa minn eta' żgħira. Hawn inħoss li għandi nuri l-apprezzament tiegħi għax-xogħol li twettaq kull min kien ministru responsabbli minn dan il-qasam. Imma għandna nuru wkoll l-apprezzament tagħna għax-xogħol kollu li sar u qiegħed isir biex il-mudell koperativ jiġi spjegat lit-tfal tagħna fl-iskejjel tagħhom kif diġa' għedt, sa minn etajiet żgħar; għaliex dan huwa proċess edukattiv illi mhux biss iressaq it-tfal viċin il-mudell ta' koperattivi imma anke jgħinhom jifhmu aħjar il-valuri li aħna tant nixtiequ li s-sistema edukattiva tagħna tkompli tagħti lil dawn it-tfal u liż-żgħażagħ tagħna.

Bħalissa, biex inkun ċar fi kliemi, għandi f'moħħi l-proġett magħruf bħala "Scoops", proġett li tant kiseb suċċess, sena wara l-oħra, fl-iskejjel tagħna. Hawnhekk ta' min ifaħħar lill-*board* tal-koperattivi u lil dawk kollha – inklużi t-tfal infushom – illi kull sena jieħdu sehem u jgħinu biex dak il-proġett ikun suċċess. Irrid ngħid ukoll li aħna tant qegħdin nenfasizzaw li dan il-mudell għandu bżonn l-appoġġ ta' kulħadd, għax huwa mudell mibni fuq ċertu prinċipju u ċerti valuri, illi waħda mill-bidliet kbar li din il-liġi qiegħda tintroduċi, hija proprju l-prinċipji li fuqhom għandu jinbena l-moviment koperattiv. Dawn ma kenux inklużi fil-liġi l-antika, imma dehrilna li f'din il-liġi l-ġdida kellna nsemmu l-prinċipji tal-moviment koperattiv ħalli dawn jiggwidawna l-ħin kollu. Jiena nemmen li dawn għandhom ikunu l-gwida kontinwa għal kulħadd, anke f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm bżonn ta' ċerta interpretazzjoni.

It-tielet raġuni li jien semmejt il-bieraħ kienet il-fatt illi llum kulħadd jirrealizza li d-dinja ekonomika, l-ambjent ekonomiku ta' pajjiżna żviluppa, inbidel u qiegħed ikompli jinbidel b'ritmu qawwi ħafna. Il-gvern preżenti dan jenfasizzah il-ħin kollu, anke fil-konfront tal-kritika min-naħa ta' l-oppożizzjoni, li kultant verament hi diffiċli biex wieħed jifhimha. B'danakollu din in-naħa tibqa' tisħaq li llum qegħdin ngħixu f'dinja globalizzata u f'ekonomija li m'għandhiex fruntieri. Dari l-baħar kien jipprovdi fruntiera bejn it-territtorji ta' pajjiżi differenti. Illum għandna *bridges* virtwali fejn biċċa makna fil-kumdita' ta' l-uffiċini jew tad-dar tagħna tgħinna nikkomunikaw mad-dinja u nikkompetu magħha. Din hija realta' li ma nistgħux naħarbu minnha daqskemm hija realta' li l-ambjent ekonomiku tagħna ssaħħaħ, qiegħed jissaħħaħ u se jkompli jissaħħaħ u dan grazzi għall-kompetizzjoni, għall-effiċenza, għall-investimenti kbar li għamilna fl-informatika, u għad-deċiżjonijiet kuraġġużi li ttieħdu meta neħħejna l-protezzjonijiet foloz li kienu biss kontra l-interess tal-konsumaturi. Dawn kulma kienu jagħmlu kien biss li jipproteġu xi ħaġa li fl-aħħar mill-aħħar fid-dinja tal-lum ma tistax tkompli tipproteġiha jekk trid timxi 'l quddiem.

Huwa ambjent ekonomiku li jitlob u jiddetta iktar effiċjenza u allura jitlob u jiddetta responsabbilta'. Hu dmir tagħna mela li nipprovdu leġislazzjoni aġġornata li tkun tista twieġeb għal dawn l-opportunitajiet u għal dawn l-isfidi li għandna quddiemna. Twieġeb fis-sens pożittiv kollu, għaliex l-iżvilupp ekonomiku irid ikollu labranzetta miegħu l-iżvilupp soċjali, u f'dinja fejn allura l-globalizazzjoni, il-kompetizzjoni u l-effiċjenza huma daqstant importanti, fl-istess ħin irridu nirikonoxxu li jeżistu perikli ġodda u tensjonijiet ġodda. Teżisti l-possibbilta' li min hu tajjeb jispiċċa mwarrab, jispiċċa fil-ġenb, kemm-il darba dan kollu ma jkunx regolat b'liġijiet li jkunu jistgħu jaċċertaw li dan ma jseħħx. Għalhekk hu meħtieġ li ngħaddu liġijiet li jkunu nfassla biex iwieġbu għal dawn ir-realtajiet ekonomiċi ġodda, u li fl-istess ħin ikunu mibnija fuq il-valuri tal-ġustizja soċjali.

Bħala fatt iridu ngħidu li pajjiżna diġa' wieġeb b'mod qawwi għal dawn ir-realtajiet f'oqsma differenti. Jiena nsemmi, per eżempju, il-mod kif immodernizzajna l-*Companies Act* li kienet

mibnija fuq il-famużi *Commercial Partnerships Ordinance*. Din kienet ġiet aġġornata fl-aħħar leġislatura meta kien hemm gvern Nazzjonalista li bidilha biex jagħmilha aktar adattata għaż-żmenijiet tal-lum. Daħħalna f' pajjiżna liġijiet finanzjarji ġodda u b'hekk tajna tweġiba għall-isfidi u opportunitajiet ġodda li bħalissa qiegħed jiffaċċja pajjizna. Immodernizzajna u daħħalna liġijiet ġodda biex inneħħu minn nofs monopolji li lill-pajjiż kienu qegħdin ixekkluh minflok imexxuh 'il quddiem. Dan għamilnih b'mod speċjali fil-qasam tat-telekomunikazzjoni.

F'kull pass li ħadna tista' tgħid kellna l-ġeremiji 'l hawn u 'l hemm li qalulna li konna se nġibu disastru iżda l-istatistika, il-provi u l-fatti llum juruna li dawn kienu kollha deċizjonijiet għaqlin li ppermettew biex pajjiżna jirkeb il-mewġa ta' l-iżvilupp u jieħu l-aħjar possibbli bir-riżultat ta' attivita' ekonomika ikbar, ta' postijiet tax-xogħol miżjuda u ta' kondizzjonijiet tax-xogħol aħjar. Naturalment, kif għedt diġa', f'dawn l-oqsma kollha hemm ukoll is-settur li jolqot il-koperattivi u jekk se naċċettaw li dan is-settur huwa parti mill-makkinarju ekonomiku ta' pajjiżna li qiegħed joħloq il-ġid, allura dan irid ukoll jaġġusta ruħu għar-realtajiet ta' llum. Proprju dan kellna f'moħħna meta ddeċidejna li naġġornaw din il-liġi biex ikollna *interface* iktar adattat għar-realtajiet ta' madwarna. Issa hemm ċerti affarijiet li wieħed bilfors irid jenfasizzahom, peress li dawn huma marbutin ma' dan li qiegħed ngħid.

Jekk wieħed jifli sew il-liġi kif kienet isib li din kienet tagħti preżenza pjuttost qawwija lill-gvern biex il-moviment koperattiv jimxi 'l quddiem. Ma rridux ninsew li din kienet liġi mibnija fuq il-kunċetti li kienu jeżistu fl-1978 fejn il-gvern dejjem kellu rwol ċentrali. Issa aħna dehrilna li wasal iż-żmien illi dak ir-rwol tal-gvern innaqqsuh u li l-parteċipazzjoni diretta tal-gvern fl-affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-amministrazzjoni ta' kuljum għandha tonqos u li l-gvern għandu jagħti iktar spazju biex dan ikun jista' jimtela iżjed mill-moviment koperattiv innifsu. Illum dan aħna nirrikonoxxuh. Fil-fatt din il-liġi qiegħda tipproponi bidliet u turi fejn il-gvern għandu jassenti ruħu. Anke jekk forsi l-gvern mhux se jassenti ruħu kompletament, imma żgur li qegħdin nuru fejn il-gvern għandu jnaqqas ħafna iżjed il-preżenza tiegħu.

Hawnhekk mill-ewwel niġbed l-attenzjoni tal-kollegi tiegħi tan-naħa l-oħra li fl-abbozz ta' liġi hemm klawsola partikolari li ġiet emendata u li għal xi raġuni jew oħra fl-abbozz li ġie ppublikat baqgħet kif kienet. Qed nirriferi għal dik il-parti fejn il-ministru jkun l-arbitru li jiddeċiedi - qisu għandu xi funzjoni ġudizzjarja - fil-kwestjonijiet li jistgħu jinqalgħu bejn membri f'koperattivi jew bejn xi koperattivi. Dik il-funzjoni ta' ministru bħala ġudikant f'xi stadju qiegħda tinqata' kompletament. Jien ma naqbilx assolutament illi ministru jew xi politiku ieħor jista' jaqdi din il-funzjoni, għalhekk niġbed mill-ewwel l-attenzjoni tal-kollegi li l-artikolu in kwistjoni jrid jiġi emendat fl-istadju tal-kumitat flimkien ma' xi emendi oħra.

Issa se ngħid fil-qosor kemm jista' jkun xi ħaġa dwar il-proċess li wżajna biex wasalna sa hawn. Nistqarr li nħossni kburi mill-fatt li matul dan il-proċess sa ma wasalna għal din il-liġi kellna konsultazzjoni wiesgħa ħafna. L-ewwelnett irrid ngħid li bdejna biex qbadna dak kollu li kien sar fis-snin ta' qabel u ħdimna sewwa fuqu bejn wieħed u ieħor daqs sentejn ilu. Jiena tlabt lill-*board* tal-koperattivi biex immedjatament jiġbor kollox u jibgħatli rakkmandazzjonijiet dwar kif il-liġi setgħet tinbidel ħalli tkun adattata għaż-żmenijiet tal-lum. Matul l-1999 il-*board* tal-koperattivi kkomunika ma' *lecturer* fl-universita' ta' Leicester fl-Ingilterra li flimkien ma' l-Avukat David Fabri, mas-Sur Roland Micallef Attard u man-Nutar Mark Sammut bdew jaħdmu ħalli jippreparaw dawn l-emendi għal-liġi l-antika. Finalment il-proposti waslu għandi fis-27 ta' Marzu 2000. Xahrejn wara, prattikament f'Mejju tas-sena li għaddiet, jiena ġbart il-proposti kollha li kienu wasluli mingħand il-*board* tal-koperattivi u ressaqt kollox quddiem il-kabinett biex ikolli l-approvazzjoni meħtieġa.

Biss meta ressaqt il-proposti ġbidt l-attenzjoni tal-kollegi tiegħi, il-ministri l-oħra dwar il-fatt illi l-*board* tal-koperattivi xtaq li jekk ikun hemm l-approvazzjoni, ma ngħaddux mill-ewwel għall-publikazzjoni tal-liġi, imma nerġgħu ngħaddu minn proċess ieħor ta' konsultazzjoni mal-koperattivi nfushom. Din il-proposta ġiet milqugħa minnufih mill-kabinett. Fil-fatt, meta l-proposti ġew aċċettati min-naħa tal-gvern, kieku riedna f'Mejju u f'Ġunju tas-sena l-oħra stajna ppubblikajna l-liġi u ressaqniha quddiem dan il-parlament, pero' bħala rispett lejn l-ispirtu stess tal-moviment koperattiv dehrilna illi nħallu ftit iktar żmien jgħaddi biex il-proposti li l-gvern stess kien qiegħed jaċċetta li kienu ġejjin mingħand il-*board* tal-koperativi, jiġu magħġuna u mifhuma sewwa min-naħa tal-koperattivi. Sadattant il-gvern baqa' miftuħ ukoll biex itejjeb anke dawk il-proposti.

Hawn ma nistax ma nenfasizzax ir-rwol importanti li kellha l-organizzazzjoni, magħrufa bħala APEX. Din l-organizzazzjoni tirrappreżenta u tiġbor fiha l-interessi tal-moviment koperattiv, li jħaddan il-koperattivi kollha reġistrati f'pajjiżna. L-APEX għenitna ħafna biex fi żmien xahrejn dan il-proċess seta' jasal fi tmiemu. Saru proposti u tressqu emendi ġodda li aċċetajnihom, wara li naturalment evalwajnihom u kien hemm oħrajn li ma ġewx aċettati. Fil-maġġoranza tagħhom dawn ġew aċċettati u daħlu f'dan l-abbozz wara dan il-proċess ta' konsultazzjoni. Terġa', jiena lanqas waqaft hawnhekk, għax anke wara li l-liġi ġiet ippubblikata, ħallejt il-bieb imbexxaq xorta waħda biex jekk ikun hemm xi proposti konkreti li jgħinuna nkomplu ntejbu l-liġi li għandna quddiemna, inkunu nistgħu nagħmlu dan fl-istadju ta' kumitat. Meta riċentement l-organizzazzjoni APEX fetħet l-uffiċini ġodda li għandha ġewwa Ħal Balzan, f'diskors li għamilt dakinhar - proprju l-għada li kienet ippubblikata l-liġi fil-gazzetta tal-gvern - informajthom illi jiena nibqa' miftuħ anke għal proposti ta' titjib dwar din il-liġi naturalment sakemm il-liġi tkun għaddiet mill-proċess tal-kumitat ta' din il-Kamra.

Niġi issa għall-bidliet ewlenin li qegħdin nipproponu f'din il-liġi mingħajr ma nidħol f'wisq dettall peress li dan isir meta niġu fl-istadju tal-kumitat. Kieku kelli niġbor il-bidliet li jiena nqis bħala l-iktar importanti kont ngħid li l-lista hija twila ħafna u għalhekk se nagħfas l-aktar fuq dawk li fil-fehma tiegħi huma fost l-iktar importanti. L-ewwel ħaġa hija proprju r-rikonoxximent ta' l-APEX infisha, li hi l-organizzazzjoni f'pajjiżna li għandha funzjoni differenti minn tal-*board* tal-koperattivi għax hija funzjoni marbuta ma' għażla ta' nies minn fost il-koperativi stabiliti u reġistrati f'pajjiżna. B'dan il-mod din tista' tgħin u tappoġġja lill-moviment koperattiv fl-espansjoni tiegħu. Fil-fatt, l-esperjenza li kellna f'dawn l-aħħar snin tal-ħidma li wettqet l-APEX, esperjenza estremament pożittiva, iġġiegħelni nifirħilhom għax-xogħol siewi tagħhom.

Irrid nifraħ ukoll lil kulmin ħadem biex l-APEX torganizza korsijiet ta' taħriġ, biex tipprovdi għajnuna, u twassal pariri minn esperti lill-koperattivi tagħna. Uħud minn dawn l-attivitajiet attendejt għalihom jiena stess u kont xhud ta' l-apprezzament tal-membri tal-koperattivi reġistrati f'pajjiżna li bis-saħħa ta' l-għajnuna li pprovdiet l-APEX permezz ta' dawn is-*seminars* u ta' dawn il-korsijiet ta' taħriġ fehmu li setgħu jirrealizzaw il-bżonn reali li l-ekonomija trid tfittex l-effiċenza u tkun aġġornata. Huma fehmu li jrid ikollhom l-*expertise* neċessarju biex ikunu jistgħu jikkompetu. Spiċċa ż-żmien meta jkollok koperattiva bla kontrollur finanzjarju, li ma jkollhiex min jista' jżomm id-direzzjoni finanzjarja tagħha. Għalhekk irrealizzaw ix-xogħol fejjiedi li tul is-snin wettqet l-APEX f'dan il-qasam. Aħna wkoll ninsabu konxji ta' dan u għaldaqstant dehrilna li jkun xieraq li din l-organizzazzjoni tidħol anke fil-liġi li għandna quddiemna.

Hawn forsi ta' min jenfasizza li bħala organizzazzjoni, l-APEX tirrapreżenta u tiġbor fi ħdanha l-koperativi reġistrati f'pajjiżna. Barra dan, taħdem biex tagħtihom l-appoġġ għall-funzjoni li hi

differenti mill-*board* tal-koperativi għax il-*board* tal-koperativi għandu funzjoni oħra, funzjoni iktar wiesgħa li tħares lejn il-qasam kollu koperativ biex dan jaċċerta ruħu illi r-regoli u l-liġijiet qegħdin hemm biex jiġu osservati minn kulmin huwa involut. Il-*board* għandu funzjoni oħra – u dwar dan kelli sigħat ta' dibattitu ma' l-APEX infushom u anke ma' persuni oħrajn – li f'dan l-istadju għall-inqas, nista' ngħid, li hu biss jista' jaqdiha billi jinkoraġġixxi u jaħdem dwar it-twelid ta' movimenti koperativi oħra ġodda. Għaldaqstant jiena nsellem lil din l-organizzazzjoni għal dak kollu li qiegħda twettaq b'riżq il-koperativi stabbiliti ġewwa pajjiżna.

Iżda min jirrappreżenta lill-koperativi stabiliti, jista' - mhux qiegħed ngħid li hekk jiġri – imma jista' jsib ruħu f'diffikulta' kemm–il darba jfittex l-interessi tal-movimenti koperativi u fl-istess ħin irid iħeġġeġ it-twaqqif ta' koperativi oħrajn. Dan jista' joħloq kopetizzjoni ma' koperativi diġa' stabiliti u għalhekk din il-funzjoni wieħed jifhem li jkun aħjar jekk tibqa' f'idejn il-*board* tal-koperativi li m'għandu minn ħadd u minn xejn, imma għandu biss quddiem għajnejh l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-moviment koperattiv kollu. Dan iwassalni għat-tieni parti ta' bidliet li qegħdin nipproponu f'din il-liġi, bidliet li għandhom x'jaqsmu mal-poteri li sal-lum kellu l-*board.*

Hawn aħna qegħdin naġġustaw is-sitwazzjoni, qegħdin nagħtu poteri aktar b'saħħithom lill-*board* tal-koperativi f'dak li għandu x'jaqsam ma' *enforcement.* Dan ifisser li l-*board* ikollu r-responsabbilta' li jara illi l-liġijiet ta' pajjiżna fejn jidħlu l-koperativi jkunu qegħdin jiġu segwiti fl-ispirtu u fl-ittra tagħhom. Għalhekk iddeċidejna li nagħtu lill-*board* iżjed poteri milli kellu, ħalli b'hekk ikun jista' jara illi dan qiegħed isir. Min-naħa l-oħra, is-suġġeriment kien illi lill-*board* innaqsulu ċerti responsabbilitajiet, li fil-fehma tagħna ma jagħmlux sens fi żminijietna. Per eżempju, il-parti li għandha x'taqsam mal-mod kif jiġu solvuti d-disputi li jinqalgħu.

Aħna ħsibna li jkun aħjar li f'każi simili mmorru lejn il-mudell ta' arbitraġġ li jkun f'idejn persuni li jkunu oġġetivament indipendenti miż-żewġ naħat involuti. Kif diġa' għedt, aħna nħossu li fi kwestjonijiet bħal dawn il-ministru m'huwiex il-persuna idonea li tiddeċiedi. Mhux biss, imma anqas biss għandu jiddeċiedi jekk dawn il-kwestjonijiet għandhomx ikunu referuti fuq punt legali lill-qorti ta' l-appell. Dawn huma affarijiet li forsi kienu tajbin fiż-żmien meta l-liġi daħlet f'pajjiżna fl-1978, pero' żgur li m'għadhomx tajbin għaż-żminijiet ta' llum. Għalhekk għamilna aġġustament sostanzjali *sia* ta' rwol u poteri tal-*board* tal-koperativi kif ukoll ta' l-involviment tal-ministru.

Parti oħra f'din il-liġi fejn qegħdin nagħmlu bidliet hija dik li tirrigwarda l-proċess tar-reġistrazzjoni tas-soċjeta' koperattivi - jiġifieri għandha ssir reġistrazzjoni ta' koperativa. Għamilna ħilitna biex kemm jista' jkun nissimplifikaw din il-proċedura. Barra dan, għamilna bidla oħra importanti u ta' min jenfasizzaha. Sal-lum, il-liġi kienet tgħid li biex titwaqqaf koperativa jrid ikun hemm ta' l-inqas sebgħa min-nies; issa fuq parir li ħadna qegħdin innaqqsu dan in-numru minn sebgħa għal ħamsa. Qegħdin ngħidu wkoll, illi qegħdin nippermettu t-twaqqif ta' koperativi terzjarji, koperativi li jkunu huma stess magħmula minn koperativi oħra li jkunu primarji jew sekondarji. Qegħdin insejħulhom terzjarji biex nissimplifikawhom. Fil-liġi l-antika dan ma kienx jeżisti imma issa qegħdin nirrikonoxxu l-possibbilta' li dan jista' jsir *plus* li qegħdin nagħmlu innovazzjoni oħra, li jidhrilna li hija tabilħaqq urġenti.

Qed nirriferi għall-possibbilta' li soċjeta' kummerċjali, *limited liability company,* tkun hi stess membru f'koperativa. Din ukoll hi xi ħaġa li ma konniex insibuha fil-liġi l-anitika, u qegħdin nagħmluha bħala tweġiba għar-realtajiet ekonomiċi ta' pajjiżna. Qegħdin nintroduċu wkoll bidliet ta' ċerta portata, fejn nitkellmu dwar il-fond ċentrali tal-koperativi. Dan huwa fond

magħmul mill-kontribuzzjoni ta' ħamsa fil-mija tal-profitti annwali tal-koperativi li jiġi amministrat b'ċertu mod; huwa fond li jintuża b'ċertu kriterju minn għażla ta' nies, li m'għandix għalfejn noqgħod nidħol f'aktar dettal.

Fil-liġi li għandna quddiemna qegħdin niċċaraw il-mod kif għandha tiġi kkalkulata dil-perċentwali ta' ħamsa fil-mija, għax kellna – għall-inqas jien nformat mill-istess koperativi u anke u mill-*board* - kwestjonijiet dwar kif għandu jiġi kkalkulat dal-famuż ħamsa fil-mija. *Plus* hekk, qegħdin nagħmlu xi ħaġa oħra, li għal xi raġuni stramba ma kinitx daħlet fil-liġi ta' 1978 - jista' jkun kienet *oversight.* Dan il-fond ċentrali ma jingħatax il-personalita' ġuridika u allura kien hemm dejjem id-diffikulta' teknika jekk u min seta' jamministrah. Issa din id-dilemma spiċċat, għax dan il-vojt qiegħda timlieh din il-lakuna, qiegħda timlieh din il-personalita' ġuridika, biex l-affarijiet ikunu jistgħu jimxu kif għandhom jimxu.

Il-ħames settur jew parti tal-liġi li tiġbor fiha ċerti bidliet tittratta dwar kif għandhom jiffunzjonaw il-koperativi. Aħna qegħdin nitfgħu aktar responsabbiltajiet fuq il-membri, meta dawn jiltaqgħu fil-laqgħa ġenerali tagħhom fil-waqt li qegħdin nikkjarifikaw fil-liġi l-funzjoni ta' l-awditur. Innovazzjoni oħra, li dwarha saret konsultazzjoni fit-tul tirrigwarda t-tneħħija ta' xi ħaġa sal-lum forsi kienet sinonima mal-koperativi. Qed nirriferi għal dak li kien jissejjaħ il-*board* ta' sorveljanza. Dan kien obbligu bil-liġi l-antika. Issa dan l-obbligu mhux ser jibqa' aktar għax skond il-parir li ngħatajna – u li naqblu miegħu - aħna nistgħu nkunu ħafna iżjed effettivi fis-sorveljanza jew aħjar fl-għajnuna u fl-appoġġ biex koperativa tkun tista' timxi 'l quddiem, billi l-ewwelnett insaħħu l-*board* innifsu tal-koperativi billi ntuh iktar poteri kif diġa' spjegajt u billi nsaħħu anke l-funzjoni ta' l-APEX li tista' tkun siewja ħafna għall-moviment tal-koperativi stess. Il-ħsieb tagħna hu li nistabilixxu proċedura aħjar milli għandna s'issa ħalli wieħed ikun jista' jirriżolvi d-diffikultajiet li jinqalgħu bejn il-koperativi. Għax l-iskop ewlieni tagħna hu li nsaħħu lil dan il-moviment.

Allura għedna li jekk aħna nagħmlu dawn it-tliet affarijiet, jiġifieri li l-liġi tpoġġi lill-*board* tal-koperattivi f'pożizzjoni aħjar milli kien sa llum ħalli dan ikun aktar effettiv u jkun jista' jikkontrolla u jissorvelja l-attivita' tal-koperattivi, jekk aħna nagħtu iktar rwol ċentrali lill-APEX u ngħinuha anke bil-liġi ħalli din tkun tista' tgħin lill-koperattivi, u jekk nistabilixxu proċedura iktar effettiva kif jistgħu jirrisolvu ruħhom il-kwestjonijiet li jafu jinqalgħu, allura nkunu neħħejna bażikament il-bżonn li bilfors għandu jkun hemm dak li jissejjaħ *board* tas-sorveljanza. Dwar il-bidliet li hemm fl-aħħar parti diġa' rriferejt għalihom, imma issa nagħmel referenza forsi xi ftit iktar f'dettal.

Semmejt li qegħdin nissuġġerixxu tnaqqis mill-poteri tal-ministru f'dan il-qasam koperattiv. Fil-fatt anke mill-konsultazzjonijiet li jiena kelli ma' l-APEX u mal-*board* tal-koperattivi kif ukoll mid-dokumentazzjoni li bagħtuli, jirriżulta bl-iktar mod ċar illi f'dak li qiegħed jiġri fil-kontinent Ewropew u anke fuq livell internazzjonali id-direzzjoni li l-moviment koperattiv miexi biha hi li l-poteri ta' l-intervent mill-ministru jonqsu u jsiru il-minimi possibbli. Importanti li jkun hemm *policy* ġenerali li l-koperattivi jkunu qegħdin isegwu, pero' l-ministru m'għandux jintervjeni u m'għandux ikollu l-poteri li jintervjeni fl-affarijiet ta' amministrazzjoni ta' kuljum li għandhom x'jaqsmu mal-koperattivi. Aħna dan li qegħdin nagħmlu.

Naturalment, filwaqt li l-ministru jagħti direzzjoni ta' *policy* lill-*board* tal-koperattivi – u hekk għandu jkun għax dan hu moviment ta' struttura fil-mekkaniżmu ekonomiku ta' pajjiżna u għal dak li għandu x'jaqsam ma' *policy,* il-gvern għandu jżomm din ir-responsabbilta' - pero' din il-liġi issa qiegħda tnaqqas il-poteri lill-ministru li jiddeċiedi l-kwestjonijiet li jistgħu jinqalgħu u l-poter li jirċievi appelli minn deċiżjonijiet. Sal-lum il-liġi kienet tgħid, li jekk xi ħadd ikun irid

jirreġistra koperattiva, u l-*board* jiddeċiedi li jgħid "le" għal ċerti raġunijiet, dak li jkun jista' jappella għand il-ministru. Dan it-tip ta' poter qiegħed jitneħħa lill-ministru u jiġi sostitwit b'xi ħaġa oħra għax fil-liġi l-ġdida qiegħda ssir referenza għall-arbitraġġ.

Din hija ħarsa inġenerali u fil-qosor dwar il-punti ewlenin u l-innovazzjonijet prinċipali tal-liġi li din il-Kamra għandha quddiemha. Ma rridx li l-Kamra tieħu l-impressjoni - għax inkun qiegħed niżgwidaha – li dawn biss huma l-emendi. Hemm ħafna iżjed li fl-istadju tal-kumitat jiena nkun nista' nidħol iktar fid-dettal tagħhom u nispjega għaliex dik l-emenda partikolari tkun qiegħda ssir u x'kien li ġegħilna ninkluduha. Pero' dan li semmejt huwa dak li fil-fehma tiegħi huwa fost l-aktar importanti. Nagħlaq biss bi ħsieb wieħed, Sur President.

Kien hemm min staqsieni: Għaliex ippreżentajtu liġi ġdida u ħassartu dik l-antika meta fil-fatt stajtu għamiltu liġi li temenda biss il-klawsoli ta' l-antika? Dan huwa veru pero' l-bidliet tant huma sostanzjali, tant huma numerużi fejn saħansitra erġajna bnejna l-istruttura wkoll, li allura kellhom iċċaqalqu klawsoli minn ċerta pożizzjoni tal-liġi għal pożizzjoni oħra. Għalhekk, kieku emendajna biss il-liġi l-antika, naħseb li ħadd ma kien jifhem dak li nkunu qegħdin nagħmlu u biex nissimplifikaw, anke fuq il-parir li jiena tajt lill-avukat ġenerali, wasalna għall-konklużjoni li nħassru l-liġi l-antika u nippreżentaw lil din il-Kamra waħda ġdida li tinkorpora dak li dehrilna tajjeb fil-liġi l-antika filwaqt li nħallu barra dak li mhux adattat għal żmenijietna.

Ridna nintroduċu wkoll kunċetti ġodda u kien għalhekk li ressaqna lil din il-Kamra dan l-abbozz ta' liġi li nittama jsib l-appoġġ u l-*consesus* taż-żewġ naħat fi sforz ġenwin biex naraw dan il-qasam ikompli jiżviluppa fl-interess tiegħu stess imma iktar importanti minn hekk fl-interess tal-pajjiż kollu kemm hu. Grazzi, Mr Speaker.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Karl Chircop.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Mr Speaker, ħadt gost nisma' b'attenzjoni d-diskors tal-ftuħ tal-Viċi Prim Ministru rigward il-liġi tal-koperattivi li llum qegħdin niddiskutu. Fil-fatt kulħadd jaf li aktar ma qiegħed jgħaddi ż-żmien, dan il-moviment qiegħed dejjem iżid l-importanza tiegħu ġewwa pajjiżna. Jekk wieħed jgħodd in-numru ta' ħaddiema li jaqgħu taħt xi koperattiva jew oħra jsib li ċ-ċifra tlaħħaq madwar 5,000 ruħ, barra li fid-daqs ta' l-ekonomija ta' pajjiżna wieħed jinnota illi l-moviment koperattiv huwa mdaqqas mhux ħażin ukoll. Għaldaqstant wieħed jifhem mill-ewwel l-istennija li kien hawn biex il-liġi ta' l-1978 tiġi emendata. Kif se nispjega aktar 'il quddiem, anke l-Partit Laburista ħadem bis-sħiħ biex dan jitwettaq.

Li kieku wieħed ikollu jeżamina u jiżen l-aspetti kollha rigward il-koperattivi jsib li *on the whole,* l-esperjenza tal-moviment koperattiv Malti kienet waħda pożittiva u waħda li fiha ma kienx hemm mumenti turbolenti. Kien hemm mumenti ta' xi ftit inkwiet li wassal anki għal ċertu tilwim industrijali, b'danakollu, nerġa' ngħid, li *on the whole* din kienet esperjenza pożittiva li saħansitra wasslet biex il-moviment koperattiv jikber fuq l-iskala kif nafuha illum. Tajjeb li wieħed jgħid li dan il-moviment huwa organizzat permezz ta' speċi ta' union, li hija l-APEX u li hija affiljata ukoll fl-*international co-operatives alliance,* għaqda internazzjonali li tieħu ħsieb l-interessi tal-koperativi affiljati fiha u għaqda importanti ħafna li se nitkellem dwarha aktar tard.

Mr Speaker, interessanti li wieħed isemmi wkoll proprju dak li qalet il-United Nations fl-1996, b'riferenza għall-*co-operative enterprises*, u hawnhekk se nikkwota bl-Ingliż:

> " ….. Whereby a significant proportion of humanity is able to take into its own hands the task of creating productive employment, overcoming poverty and achieving social integration".

Minn din is-silta, wieħed jista' jara liema huma t-tliet aspetti fundamentali illi għalihom twaqqfu dawn il-koperattivi, jew aħjar it-tliet regoli kardinali, biex ngħid hekk, li suppost jimxu fuqhom il-koperattivi. Il-koperattivi għandhom jittrattaw lill-konsumaturi kif ukoll lis-soċji tagħhom stess bl-iktar mod ġust u rispettabbli. Dan, biex ngħid hekk, hu l-prinċipju kardinali ta' x'inhi koperattiva. Meta l-koperattivi jinkoraġġixxu lin-nies biex jaħdmu id f'id ħalli jsolvu l-problemi ta' xulxin, fl-aħħar mill-aħħar dak ikun għall-ġid tagħhom stess kemm-il darba l-koperattivi jipprovdu prodotti jew servizzi tajbin biex jaqdu lill-konsumaturi. Dan għandhom jagħmluh kważi aktar milli biex sempliċiment huma stess jagħmlu gwadann ekonomiku. Mela l-koperattivi u dawk kollha li jagħmlu parti mill-moviment koperattiv Malti għandhom l-għan li jġibu l-interessi tagħhom 'il quddiem, pero' fl-istess ħin għandhom anke l-għan marbut ma' l-aspett soċjali, u huwa għalhekk li huma jaqgħu taħt id-dekasteru tal-ministeru għall-politika soċjali. Dan hu punt importanti ħafna għax hu marbut ma' l-għixien ta' l-istess bniedem.

Għalija li l-koperattivi jipprovdu prodotti jew servizzi biex jaqdu lill-konsumaturi aktar milli sempliċement biex jagħmlu gwadann ekonomiku, hija ta' importanza kbira. Dan għaliex minn hawn toħroġ il-ħtieġa soċjali li ċerti prodotti u servizzi għandhom ikunu ggarantiti lill-membri tas-soċjeta' kollha. Għalhekk kemm –il darba tabilħaqq irridu nħarsu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, dawn il-prodotti u servizzi jridu jkunu pprovduti bl-istess mod ekwu u bi prezzijiet jekk jista' jkun milħuqa mill-klassijiet kollha tas-soċjeta'. Nieħdu tabib li jkollu pazjent quddiemu. L-ewwel li dan għandu jfittex hu l-fejqan ta' dak l-individwu u mhux xi gwadann personali fi flus jew fama minn fuq dahar il-pazjent, u dan jgħodd kemm għal tabib li jaħdem fis-servizz pubbliku kif ukoll għal tabib li jaħdem fis-servizz privat. L-istess argument jgħodd fejn tidħol il-ħajja tal-bniedem. L-ewwel m'għandna naħsbu fil-ħobż u probabbilment fil-ħalib frisk ta' kuljum, żewġ prodotti agrikoli ta' natura essenzjali, u dawn għandhom jiġu qabel l-aspett finanzjarju. Dan ir-raġunar għandu jibqa' sejjer u jilħaq l-akbar firxa possibbli, ħalli b'hekk niżguraw li jkollna soċjeta' fejn kemm jista' jkun iċ-ċittadini kollha, ġejjin mil-liema klassi soċjali ġejjin, ikollhom ċerti servizzi u prodotti bażiċi provduti lilhom bi prezzijiet li jista' jaffordjahom kulħadd.

Waħda mill-*areas* fejn il-prinċipju tal-koperattivi rnexxa u ġie estiż ħafna, anke naħseb jien *across boundaries* li wieħed ma tantx jimmaġinahom, huwa proprju l-Amerka ta' Fuq, fejn forsi jinħass aktar il-bżonn li ċerti oqsma jiġu protetti b'riżq il-konsumatur, speċjalment dawk li huma aktar żvantaġġati b'riżultat ta' l-ekonomija tas-suq. Hemmhekk insibu koperattivi ġejjin minn suq karatteristiku, dak agrikolu, kif wara kollox anke aħna meta nsemmu l-kelma "koperattiva", donnu li nassoċjawha l-aktar ma' dan l-aspett. Iva, fl-Istati Uniti nsibu diversi koperattivi ta' din ix-xorta, pero' hemm ukoll oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' *housing,* ma' *fisheries,* ma' servizzi tas-saħħa u ma' servizzi soċjali kif għandna f'Malta. Għandek koperattivi li għandhom x'jaqsmu mal-ħaddiema nfushom iżda mbagħad għandek firxa oħra, bħalma hemm il-koperattiva tat-trasport u anke dik ta' ċerti banek. Għaldaqstant jien ngħid li għandna nħarsu lejn il-koperattivi bħala organizzazzjoni jew għaqda awtonoma u Ii n-nies li jifformawha għandhom ikunu volontiera li jridu jisħqu biex iġibu 'l quddiem l-interessi soċjali, ekonomiċi u anke kulturali għall-ġid tagħhom infushom u fejn huwa possibbli wkoll għall-ġid tas-soċjeta' kollha kemm hi.

Jiena ngħid li dan l-obbligu għandu jidħol għalih ukoll il-gvern innifsu, meta jidħol għar-responsabbilta' biex iwaqqaf koperattivi tiegħu. Il-koperattivi huma bbażati fuq ċerti prinċipji u

valuri, u fost l-oħrajn insibu l-għajnuna li għandha tingħata lil xulxin b'responsabbilta', dik li bl-Ingliż tissejjaħ *accountability,* b'demokazija, ekwita', solidarjeta' u prinċipji ta' din ix-xorta. Min-naħa l-oħra, l-istess fundaturi tal-koperattivi, karatteristikament fil-maġġor parti tagħhom, dejjem emmnu fil-valuri ta' l-onesta', tar-responsabbilta' soċjali u li jkunu kemm jista' jkun kontra s-segretezza u favur l-għajnuna lil ħaddieħor. Dawn huma temi ġenerali li wieħed jista' jiftaħ fuqhom *ad nauseam* pero' tajjeb li issa ngħaddu proprju għax-xena lokali, fejn il-moviment koperattiv għandu fi ħdanu tliet *set-ups.* Dan qed ngħidu għaliex tajjeb ukoll li dawn l-affarijiet nispjegawhom *over and over again,* ħalli *the man in the street* ma jsibx ruħu f'konfużjoni meta jismagħna nużaw ċerta terminoloġija waqt id-dibattitu.

Kif għadni kemm għedt, il-moviment koperattiv Malti huwa rappreżentat, immexxi u saħansitra organizzat minn tliet *set-ups* partikolari. Għandek il-*board* amministrattiv, li nagħmel riferenza għalih aktar 'il quddiem, għandek il-fond ċentrali u għandek l-APEX, li rrifera għaliha l-Viċi. Prim Ministru. Il-*board* ċentrali jamministra proprju d-*day-to-day running* tal-koperattivi f'dak kollu li għandu x'jaqsam mad-disputi u anke r-reġistrazzjoni ta' koperattivi ġodda u tneħħija ta' oħrajn, li forsi ma jkunux qegħdin jikkonformaw mad-definizzjoni ta' x'inhi koperattiva jew ikunu qegħdin jabbużaw minn din is-sistema.

Imbagħad hemm il-fond ċentrali, li twaqqaf permezz ta' ħidmet il-Partit Laburista fil-gvern bi skop iktar minn kollox finanzjarju, fis-sens li meta tiġi reġistrata koperattiva, wieħed mill-vantaġġi ewlenin li tgawdi huwa proprju li tkun eżentata milli tħallas taxxa ta' 35% li s-soltu jħallsu kumpanniji fuq *income* dikjarat.

Min-naħa l-oħra, il-koperattivi huma marbutin li jgħaddu 5% tal-qligħ tagħhom reġistrat b'riżq dan il-fond ċentrali. L-iskop huwa li minn dan id-dħul dan il-fond ċentrali jkun jista' jagħmel tajjeb għall-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom ċerti koperattivi. Hawnhekk naraw l-idea li l-koperattivi m'humiex bħal kumpannija kummerċjali li qiegħda hemmhekk hekk ħalli tikkompeti 100% ma' kumpanniji oħrajn. Il-koperattivi qegħdin hemmhekk biex jgħinu lil xulxin, speċjalment meta xi waħda minnhom tiltaqa' ma' xi problemi finanzjarji.

It-tielet *set-up,* li huwa importanti wkoll – u dan ġie rikonoxxut anke mill-Partit Laburista - huwa proprju l-APEX. Jiena nħobb inħares lejn l-APEX bħala speċi ta' GRTU tal-koperattivi, fis-sens li din hija *union* li l-għan tagħha hu li taqbeż għall-interessi tal-koperattivi u tal-moviment koperattiv. Għall-benefiċċju ta' dawk kollha li qegħdin jisimgħuna u se jkomplu jsegwu dan id-dibattitu daqstant interessanti, Mr Speaker, tajjeb li ngħidu x'inhuma d-differenzi tekniċi bejn kumpanniji u koperattivi.

L-ewwel ħaġa, kumpannija hija *set-up* jew għaqda ta' nies illi l-iskop ewlieni tagħhom hu marbut mal-qligħ tal-flus, mal-gwadann, ma' l-*income* u mal-profitti. Min-naħa l-oħra, veru li koperattiva wkoll għandha skopijiet li ġġib il-profitti tagħha 'l quddiem u ssaħħaħhom sena wara l-oħra, pero' dawn l-istess profitti huma marbutin ma' l-iskop soċjali li għamilt riferenza għalih diġa' fid-diskors tiegħi. Mela koperattiva li tieħu ħsieb il-ħobż hawn Malta ma tistax taħseb biss fil-gwadann tal-furnara, imma trid iġġib ukoll quddiem għajnejha li l-ħobż huwa tant u tant essenzjali fid-dieta Maltija - il-Maltin ma jafux jgħaddu mingħajr il-biċċa ħobż ta' kuljum – u allura hemm dan l-aspett soċjali li l-ħobż mhux biss irid jiġi pprovdut bi qligħ għall-istess furnara u għall-membri tal-koperattiva tal-furnara, imma fl-istess ħin ukoll, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh l-aspett soċjali li dan il-qligħ ma jridx ikun daqstant esaġerat li l-prezz tiegħu ma jkunx milħuq mill-klassijiet kollha tas-soċjeta' tagħna. U proprju dan hu wieħed mill-biżgħat tal-Partit Laburista. Jekk Malta ssir membru ta' Unjoni Ewropea, il-prezz tal-ħobż jogħla mas-

smewwiet,  fuq kollox kif ġara f'pajjiżi oħra Ewropej. Jiena ċert li sieħbi l-Onor. Noel Farrugia se jitkellem dwar dan fl-intervent tiegħu aktar 'il quddiem.

Differenza oħra bejn kumpannija u koperattiva hija li kumpannija taħdem bil-għan li tkattar il-qligħ għall-azzjonisti, filwaqt li koperattiva taħdem bil-għan li tmexxi 'l quddiem l-interessi tal-membri tagħha. X'inhi d-differenza hawnhekk? Id-differenza bażika hija illi f'kumpannija għandek *board,* għandek kumitat, li jmexxi dik il-kumpannija u allura l-qligħ jgħaddi għand il-membri tal-*board* u x-*shareholders.* Minn naħa l-oħra, koperattiva taħdem bil-għan li l-profitti tgħaddihom direttament lill-membri tagħha peress li ma jkunx hemm il-kwestjoni ta' *shareholders* u *stakeholders.*

Differenza oħra bejn kumpannija u koperattiva hija li ħafna drabi kumpannija tappella għal min diġa' huwa b'saħħtu, filwaqt li koperattiva tappella għal min ifittex is-saħħa fl-għaqda. Hawnhekk jidħol ukoll il-kunċett li f'kumpannija kapitalista min hu l-aqwa jħawwel. F'koperattiva, dawk li huma xi ftit dgħajfa fis-soċjeta' u jixtiequ jidħlu f'xi forma ta' *business,* f'xi forma ta' kummerċ, se jsibu għajnuna minn sħabhom ta' l-istess koperattiva.

Imbagħad wieħed irid jgħid ukoll li filwaqt li l-andament ta' kumpannija huwa mkejjel saħansitra fuq il-qligħ, dak ta' koperattiva jitkejjel skond kriterji soċjali u finanzjarji. Hawn nerġa' ntenni li huwa importanti li koperattiva tagħmel il-qligħ, inkella ovvjament din tispiċċa fi *trouble* finanzjarju. Huwa veru li dan it-tip ta' nkwiet jista' jkun mument transitorju fejn din tiġi bżonn tal-fond ċentrali, imma fl-aħħar minn l-aħħar jekk din tibqa' tagħmel it-telf tispiċċa biex ikollha tagħlaq. Iżda wieħed ma jistax jinsa l-aspett soċjali li għandu jitkejjel mhux biss fuq kemm koperattiva tagħmel qligħ, imma wkoll fuq kemm din tipproduċi jew timmanifattura prodott essenzjali għall-ħajja tal-poplu tagħna.

Differenza oħra bejn kumpannija u koperattiva hija illi l-ishma ta' kumpannija ssibhom f'idejn min jiflaħ jixtrihom filwaqt li dawk ta' koperattiva jiġu mqassma b'mod indaqs bejn l-istess membri. Din hija differenza xi ftit teknika, pero' tagħtina aktar *insight* ta' kemm il-koperattivi għandhom jaħdmu fuq termini soċjali iktar milli fuq termini finanzjarji.

Barra dan, ta' min ifakkar li l-kontroll ta' kumpannija jkun f'idejn min ikollu l-akbar ammont ta' ishma, mentri f'koperattiva ħwejjeġ bħal dawn ma jiġrux, għax il-kontroll huwa aktar fuq bażi ta' vot wieħed għal kull membru. Dan ifisser li kull membru fi ħdan il-koperattiva se jkollu vot wieħed, se jkollu l-istess saħħa fit-tmexxija u fid-deċiżjonijiet, biex ngħid hekk, kummerċjali illi l-koperattiva tkun trid tieħu. Dan juri kemm jekk il-koperattivi jkunu mmexxija sewwa, huma aktar demokratiċi minn ċerti kumpanniji.
Differenza oħra hija li f'kumpannija ma ssib ebda obbligu ta' distribuzzjoni ġusta bejn l-azzjonisti, u kif għedt anki qabel, tirrenja l-filosofija ta' min hu l-aqwa jħawwel. Min-naħa l-oħra iżda, fil-koperattivi hemm aktar ġustizzja soċjali permezz tat-tqassim aħjar tal-ġid li joħroġ minnhom. Wieħed mill-eżempji li seħħew riċentiment, u li sfortunatament għadhom iseħħu f'pajjiżna, huwa proprju l-kwestjoni tal-ħwienet tal-merċa, fejn naraw kumpannija, relattivament ġganteska għall-ekonomija tagħna – u hawn qed nirreferi għall-*Priceclub* – li daħlet b'saħħa enormi fis-suq biex kissret xi *grocers* żgħar fl-ibliet u fl-irħula tagħna u din tant raħħset il-prezzijiet tagħha li spiċċat biex tkissret hi.

Kellu jkun saħansitra intervent mill-gvern biex issa nstab min jiffinanzja lil din il-kumpannija, u dan huwa xi ħadd barrani. S'issa din għadha qed tbati ħafna biex iżżomm f'wiċċ l-ilma. Minn naħa l-oħra, kellna *grocers* li tkissru u issa qegħdin jaraw jiffurmawx koperattiva formali bejniethom. Għalhekk qegħdin jixtru ħafna prodotti bil-*bulk* biex ikunu jistgħu joffruhom bi

prezzijiet vantaġġjużi lill-konsumaturi. B'hekk qegħdin jittamaw li jsalvaw minn din is-sitwazzjoni ddisprata li sabu ruħhom fiha ħtija ta' kummerċanti għatxana mhux għal flus biss imma għall-poter ukoll. Issa jidher li bil-falliment tal-*Priceclub,* dawn bil-mod il-mod qegħdin jerġgħu jqumu fuq saqajhom.

Biex nerġa' niġi għall-argument prinċipali dwar id-differenza bejn kumpanniji u koperattivi, tajjeb li ngħid li fil-fatt il-kumpanniji m'għandhom l-ebda obbligu għall-koperazzjoni ma' ditti oħrajn; anzi kif jaf kulħadd, ħafna drabi dawn jikkompetu ma' xulxin sa l-aħħar qatra demm, akkost li jkissru lilhom infushom, kif għadni kemm urejt bil-kwistjoni tal-*Priceclub.* Min-naħa l-oħra, il-koperazzjoni bejn il-koperattivi hija xi ħaġa ta' min ifaħħarha u jkompli jħeġġiġha. Id-disa' u l-aħħar differenza bejn kumpannija u koperattiva hija marbuta mal-kelma "soċjali". Kumpannija lanqas biss toħlom b'kelma bħal din, jekk mhux biex tfassal xi studju ħalli tara kif tista' tagħmel *marketing* aħjar ta' xi prodott tagħha filwaqt li koperattiva għandha s-sisien tagħha primarjament soċjali. Issa wara li tajt din il-ħarsa dettaljata dwar id-differenzi bejn kumpanniji u koperattivi biex wieħed ikun jista' japprezza l-funzjoni tal-moviment koperattiv Malti, xieraq li issa ngħaddi ftit għall-istorja ta' dan il-moviment ġewwa pajjiżna.

Irrid ngħid li f'pajjiżna l-moviment koperattiv għadu 'l bogħod mil-livell organizzativ kif insibuh barra minn Malta b'danakollu ċertament li għamel passi ta' ġgant. Hawn ta' min josserva u jirrealizza li dak li sar s'issa fil-maġġoranza tiegħu huwa kollu frott ta' ħidmet il-Partit Laburista fil-gvern matul numru ta' snin. Fil-fatt il-Partit Laburista tant jemmen bis-sħiħ fil-koperattivi illi anke llum, għalkemm ninsabu fl-oppożizzjoni, il-kap tagħna xorta waħda ħaseb biex jaħtar kummissjoni fi ħdan il-partit biex tosserva l-mixja u l-iżvilupp ta' dawn il-koperattivi. Bħala president insibu lil Freddie Micallef filwaqt li Dr. Godfrey Pirotta huwa segretarju esekuttiv. Lil dawn u lill-kumplament tal-kummissjoni rrid nifirħilhom għax-xogħol siewi li qegħdin iwettqu f'dan il-qasam u nħeġġiġhom biex ikomplu fit-triq li qabdu.

Mr Speaker, kieku wieħed kellu jħares ftit lejn l-istorja żgur li jintebaħ illi l-ewwel għaqdiet tal-ħaddiema ta' din ix-xorta, jiġifieri f'terminu ta' koperattivi, bdew ifaqqsu proprju fil-bidu tas-seklu l-ieħor madwar mitt sena ilu. Sfortunatament kellu jgħaddi ħafna żmien, kważi nofs seklu, sakemm sar l-ewwel tentattiv serju biex jitwieldu l-ewwel koperattivi ġewwa pajjiżna. Kien proprju fl-1947, sentejn biss wara t-tieni gwerra dinjija, meta l-Partit Laburista welled l-ewwel għaqdiet fuq is-sisien ta' koperattivi kif nafuhom illum. Aktar tard, għalkemm il-koperattivi bdew jikbru bil-mod il-mod fin-numru tagħhom, kellhom jgħaddu madwar tletin sena oħra biex lil dawn il-koperattivi tajnihom spinta oħra 'l quddiem u *again* kellu jkun il-Partit Laburista fil-gvern biex fis-sena 1978 fassal l-ewwel liġi tal-koperattivi ġewwa pajjiżna, il-liġi li proprju qegħdin inbiddlu illum.

Immur ftit lura mill-1978 u ngħid li erba' snin qabel, meta l-gvern Laburista ta' dak iż-żmien kien qiegħed ifassal il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' l-1974, qagħad attent biex jagħti ruħ lill-koperattivi Maltin, meta f'kapitlu 2, sezzjoni 21, taħt l-isem "*encouragement of co-operatives*" insibu miktub – u se nikkwota bl-Ingliż -

> *"The state recognizes the social function of co-operatives and shall encourage their development".*

Dan ifisser li fil-Kostituzzjoni ta' Malta nsibu li hemm *entrenched* il-prinċipju li l-Istat Malti għall-ewwel darba u b'mod formali qiegħed jirrikonoxxi l-importanza soċjali tal-koperattivi. Filwaqt li jagħraf l-importanza tagħhom biex imexxu 'l quddiem lilhom infushom, fl-istess ħin

ifakkarhom fir-responsabbilta' li għandhom biex iħarsu l-aspett soċjali tal-poplu tagħna. Dan kollu juri biċ-ċar kemm il-Partit Laburista għandu tabilħaqq għal qalbu l-koperattivi Maltin.

Irrid ngħid ukoll illi fis-sentejn li għamilna fil-gvern bejn l-1996 u l-1998, Profs. Edwin Grech flimkien ma' sħabu tgħidx kemm ħadmu u stinkaw biex mhux biss fasslu serje ta' emendi għal-liġi ta' l-1978, imma saħansitra għenu ħafna biex taw ruħ fiżika lill-moviment koperattiv Malti. Dan għamluh għax huma wkoll fehmu li l-liġi ta' l-1978 kienet skaduta u allura kien hemm bżonn li tiġi emendata. Sadanittant infetħu *premises* ġodda li jixirqu lil dan il-moviment – qed nirriferi għad-dar tal-koperattivi li tinsab fi Triq Melita, il-Belt - *premises* li jservu bħala ċentru għall-ħidma tal-koperattivi lokali.

Mr Speaker, xieraq ngħidu li l-liġi dwar il-koperattivi li qegħdin nemendaw kienet daħlet fis-seħħ fis-16 ta' April 1979 mill-gvern Laburista biex warrbet liġi oħra li kienet introdotta mill-gvern kolonjali fl-1946. Din kienet saret bl-għajnuna ta' espert Ġermaniż ta' fama mondjali, il-professur Hans Munkner, wara li dak iż-żmien kienu saru konsultazzjonijiet sħaħ ma' l-għaqdiet koperattivi. Imbagħad naturalment kienet għaddiet mill-parlament. Tajjeb li ngħidu wkoll li dik il-liġi daħlet kunċett ġdid, il-kunċett tal-fond ċentrali għall-koperattivi, u jien għalhekk għamilt referenza għall-fatt li kien l-istess Partit Laburista li daħħal l-idea tal-fond ċentrali ġewwa dan il-pajjiż, u dan għamlu permezz ta' artiklu 86 fil-liġi. B'hekk il-koperattivi kienu ġew obbligati jikkontribwixxu għal dan il-fond, 5% mir-residwu annwu li jibqgħalhom mill-attivitajiet tagħhom matul dik is-sena finanzjarja sabiex dan jagħmel tajjeb għar-*running costs* ta' l-istess *board* kif ukoll għal xi problemi li jistgħu jinqalgħu minn mument għal ieħor. L-għan ewlieni ta' dan il-fond hu biex jinġiebu 'l quddiem l-edukazzjoni koperattiva, it-taħriġ tal-ħaddiema f'diversi oqsma, ir-riċerka, il-verifika u anke l-iżvilupp ġenerali ta' l-istess moviment koperattiv Malti.

Skond l-istess liġi ta' 1978, dan il-fond kellu jkun amministrat minn kumitat imwaqqaf b'regolamenti maħruġa mill-ministru responsabbli, u fil-fatt l-ewwel regolamenti kienu ħarġu f'Diċembru ta' 1989. Iżda dawn ma kinux intlaqgħu tajjeb mill-għaqdiet tal-koperattivi l-aktar minħabba li r-rappreżentanza tagħhom f'dan il-kumitat kienet minoranza. L-argument prinċipali li dawn l-għaqdiet kienu ġabu kien li la darba l-fondi jinġabru mingħandhom huma kellhom iżommu d-dritt li jamministrawhom. Għalhekk, il-gvern kien konstrett li erba' snin wara joħroġ regolamenti ġodda u bis-saħħa tagħhom, l-għaqdiet koperattivi kisbu d-dritt li jamministraw il-fondi huma. B'hekk saru diversi ħidmiet siewja bħal *seminars*, korsijiet ta' taħriġ, pubblikazzjoni ta' fuljett dwar il-koperattivi li għadu joħroġ sal-lum, *sponsorship,* tfassil ta' skemi ta' sussidju fuq interessi ta' self mill-banek, u ħidmiet oħra bħal dawn.

Dr. Joe Cassar tal-Partit Nazzjonalista kien ħareġ jiftaħar f'diversi laqgħat għall-koperattivi, li kien wettaq wegħda oħra tal-partit tiegħu. Dak iż-żmien fil-gvern, billi naqqas il-poter li kellu l-ministru taħt il-liġi u dan għaddieh lill-kumitat tal-fond ċentrali. Sa hemm kien kollox sew. Fir-rapport ta' ħidma għas-sena 1992, Dr. Cassar kien kiteb hekk:

> "Bis-saħħa ta' dawn l-emendi il-kontroll effettiv fuq id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-kumitat tal-fond ser ikunu f'idejn ir-rappreżentanti ta' l-għaqdiet. B'dan il-pass il-gvern ikun laqa' t-talba ta' ħafna għaqdiet li xtaqu li fil-kumitat ta' dan il-fond il-maġġoranza tkun f'idejn il-koperattivi".

Hawn ta' min ifakkar li proprju għeluq is-sentejn li l-gvern Nazzjonalista kien ħa dan il-pass fid-direzzjoni t-tajba – f'April 1996 - ftit xhur qabel l-elezzjoni ġenerali ta' l-1996, Dr Cassar, li kien tant ftaħar bil-pass li kien ħa, bla ebda konsultazzjoni u djalogu ma' ħadd, mhux biss neħħa

dak li kien għamel, iżda ġab f'qagħda ħażina ħafna lill-kumitat ta' dan il-fond. Dan għamlu billi qabad u ppubblika emenda negattiva għall-aħħar. Għalhekk jiena ma nistax nifhem kif il-Viċi Prim Ministru kellu jiftaħar b'dak li wettaq Dr Cassar. Issa l-kumitat kien tilef l-awtonomija li kellu u sar proprju jiddependi mill-*board* innifsu, jiġifieri minn dawk il-persuni magħżulin direttament mill-gvern. Il-koperattivi ppruvaw isemmgħu leħinhom b'mod demokratiku, permezz ta' l-istampa. Dak iż-żmien "l-orizzont" u "*The Times*", kienu tawhom prominenza, iżda sfortunatament f'"in-nazzjon" dawn il-fatti kienu baqgħu ma ssemmewx. Dr Cassar kien saħansitra ammetta li kien żbalja u kien wiegħed pubblikament li kien beħsiebu jirranġa dak l-iżball mingħajr dewmien. Għaddew sitt xhur minn dak iż-żmien u baqa' kollox kif kien b'riżultat li l-fond spiċċa stagħġnat u l-ħidmiet u l-proġetti waqfu kollha. Fortunatament meta l-Partit Laburista reġa' ħa l-gvern f'idejh fl-1996, ħadem kemm felaħ u reġa' ta nifs ġdid u xieraq lill-fond ċentrali tal-koperattivi. X'irrid ngħid b'dan, Mr Speaker?

Tajjeb li wieħed ifakkar illi taħt it-tmexxija tal-Partit Nazzjonalista ta' qabel l-1996, kienet ħarġet il-*legal notice* li biddlet il-format ta' rappreżentanza fuq dan il-fond u fejn qabel dan kien magħmul minn erbgħa min-naħa tal-gvern u tlieta min-naħa tal-koperattivi nfushom, dawn ta' l-aħħar ġew imneħħija immedjatament bla konsultazzjoni ta' xejn; b'hekk il-fond ċentrali ġie totalment immexxi min-nies b'alleanzi diretti mal-gvern. Għalina dik kienet sitwazzjoni inaċċettabbli u mill-għada li tlajna fil-gvern, erġajna tajna lill-fond ċentrali s-sura li kellu qabel. B'hekk neħħejna l-iżball faħxi u antidemokratiku li kien wettaq il-Partit Nazzjonalista. Issa ninnota b'sodisfazzjon, li dan l-iżball tneħħa mil-liġi preżenti pero' nawgura li m'hemmx affarijiet oħra moħbija f'din il-liġi għalhekk tajjeb li wieħed jistenna u jara il-vera direzzjoni li l-gvern se jieħu f'dan ir-rigward.

Pass ieħor importanti li għamilna fiż-żmien meta konna fil-gvern kien, li tajna reġistrazzjoni sħiħa lill-APEX u bdejna nħarsu lejn din l-organizzazzjoni bħala l-vuċi uffiċjali tal-moviment koperattivi Malti u Għawdxi. Huwa kollu minnu dak li qal il-Viċi Prim Ministru illi tista' tinqala' diffikulta' li ċerti koperattivi li jkunu għadhom jitwieldu u allura ma jkollhomx daqstant saħħa, dawn isibu li interessi tagħhom ikunu qegħdin jiġu mwarrba minn koperattivi diġa' stabiliti b'danakollu wieħed jittama li l-APEX tieħu dan il-fatt inkonsiderazzjoni u tagħtih l-importanza li jixraqlu. Peress li l-koperattivi laħqu daqshekk importanza anke fix-xena lokali, inħasset il-ħtieġa li l-liġi ta' l-1978 tiġi emendata u fi tmiem is-sena 1997 kien beda x-xogħol u saru diskussjonijiet kbar biex isir dan it-tibdil ħalli l-liġi tal-koperattivi nadattawha għaż-żmenijiet tal-lum. Il-bażi ta' dan it-tibdil kollu jinsab fil-liġi li qegħdin niddiskutu, għaldaqstant nista' ngħid minn issa li l-Partit Laburista mhux ser jivvota kontra din il-liġi.

Ma rridux ninsew li l-koperattivi huma għaqdiet tal-ħaddiema, huma xi ftit fraġili jew esposti għal riskji ekonomiċi għax ma jkunux f'qagħda li jifhmu jew saħansitra xi minn daqqiet jipprevedu, allura huwa importanti li l-gvern jagħtihom xi forma ta' protezzjoni ħalli dawn ikunu jistgħu joperaw b'aktar serħan il-moħħ. Barra minn hekk, l-ammont ta' ħaddiema li jaħdmu fil-moviment koperattiv Malti u Għawdxi ilaħħaq il-figura sabiħa ta' 5,000, figura li għas-suq żgħir tagħna hija żgur waħda importanti u għalhekk jixirqilha l-attenzjoni tagħna, aktar u aktar minħabba l-fatt li iktar ma jgħaddi ż-żmien it-*trend* hi li dan in-numru ta' ħaddiema aktarx li se jkompli jikber u mhux jonqos. Il-Partit Laburista fil-gvern dan fehmu tajjeb u ħadem bis-sħiħ u stinka tant li ġab anki għajnuna minn barra minn Malta ħalli jara dan il-moviment jissaħħaħ. Ġab fostna lil Profs. Hans Munkner, il-bniedem li kien wara it-tfassil ta' l-ewwel liġi ta' l-1978, li għen fit-tfassil ta' l-emendi li qegħdin niddiskutu proprju f'din il-liġi għal dan il-għan kien irnexxielna nottjenu *grant* mill-ILO ta' madwar US 10,000.

Nistqarr li ma nistax nifhem għaliex dik l-għajnuna l-gvern preżenti m'għamilx użu minnha, anzi għażel li joħroġ il-flus hu biex ġab espert ieħor. Mela meta aħna ħdimna bis-sħiħ biex inġibu fostna lil Munkner, bniedem li kien ħadem bis-sħiħ fuq l-ewwel Att ta' l-1978 - u allura jaf eżatt ix-xena lokali kif inhi – il-gvern tal-lum iddeċieda li jonfoq aktar flus biex iġib espert ieħor li dan issa jrid jibda kollox mill-ġdid u b'hekk intilfet il-*grant* li semmejt. Għalija dan m'hu xejn ħlief nuqqas ta' għaqal min-naħa tal-gvern Nazzjonalista. Kulma nafu huwa li Profs. Munkner ġie utilizzat għal ftit sigħat biss meta nġieb Malta u kien biss mistieden jindirizza seminar ta' ftit sigħat.

Mr Speaker, kontribut importanti li jagħti l-gvern lill-koperattivi huwa dak fiskali. Kif diġa' semmejt, kwalunkwe organizzazzjoni jew għaqda li tkun reġistrata bħala koperattiva hija eżenti mis-soltu tassazzjoni ta' 35% fuq l-*income* tagħha, pero' l-koperattiva mbagħad tkun obbligata tavvanza 5% tal-qligħ reġistrat tagħha lill-fond ċentrali tal-koperattivi. B'hekk dan il-fond ikun jista' jamministra dawk il-flus komuni għall-ġid tal-koperattivi kollha. Hawn nixtieq niġbed l-attenzjoni biex noqogħdu attenti u naraw li din it-tip ta' għajnuna fiskali jew finanzjarja – sejħilha li trid – ma twassalx għal xi abbuż mis-sistema, għalhekk hu pass tajjeb li din il-liġi qiegħda ddaħħal iktar rigorożita' fit-tħaddim tagħha. Issa nixtieq nagħti ħarsa lejn il-mod kif din il-liġi qiegħda tiġi emendata u nibda biex ngħid li nħoss mbellah bit-titlu għax dan huwa *misleading* fih innifsu.

Dan l-abbozz ta' liġi qed jissejjaħ "Att biex jipprovdi għat-twaqqif, reġistrazzjoni u kontroll ta' soċjetajiet koperattivi." Skużi tafux, dawn diġa' mwaqqfin, huma reġistrati u għadhom qegħdin jiġu reġistrati sal-ġurnata mqaddsa tal-lum, u anke kontroll hemm qiegħed! Aħna kulma qed nagħmlu huwa li qegħdin nemendaw liġi eżistenti. Imma allura anke minn sempliċi titlu, dan il-gvern li jiftaħar u jippriedka politika ta' *consensus,* jara kif iħawwad biex jagħti iktar importanza u eminenza lilu nnifsu? Għax it-titlu ta' din il-liġi jagħti l-impressjoni li kien il-Partit Nazzjonalista fil-gvern li għamel din il-liġi ġdida, li donnha ma kenitx teżisti qabel, meta mbagħad anke l-istess viċi prim ministru fid-diskors tiegħu għamel riferenza storika tajba dwar il-liġi ta' l-1978. Din banalita' li onestament ma nistax nifhimha.

Din l-istess bħal meta l-viċi prim ministru faħħar lil Dr. Joe Cassar għal ħidmietu f'dan ir-rigward, meta lkoll nafu x'sar u x'ma sarx fi żmienu, kif fissirt aktar qabel fid-diskors tiegħi. Imbagħad niġu hawn fil-parlament – u anke barra – u niftaħru li rridu *consensus* politiku! B'hekk irridu naslu għal dan il-*consensus* politiku, li nfaħħru persuna – għalkemm m'għandi xejn partikolari kontriha – li għamlet pass retrogradu, biex insejjaħlu l-inqas ħaġa li nista' nsejjaħlu? Jien inħalli lill-poplu jiġġudika min verament qiegħed jaħdem bis-serjeta' biex f'pajjiżna jkollna tabilħaqq *consensus* politiku.

Mr Speaker, kif diġa' għedt, huwa minnu li wasal iż-żmien biex din il-liġi tkun aġġornata u waħda mir-raġunijiet hija li d-dinja tax-xogħol inġenerali tbiddlet. Il-qasam tax-xogħol illum il-ġurnata m'għadux dak li kien 23, 30 jew 40 sena ilu. Il-*patterns* tax-xogħol, il-kompetizzjoni bejn kumpanniji jew inkella bejn koperattivi u koperattivi oħrajn – għalkemm mhux suppost li jkun hemm – inbidlu u l-*pressures* dejjem qegħdin jiżdiedu wkoll għaldaqstant hu importanti li f'din il-liġi naħsbu anke għall-perikli li jistgħu jinħolqu. Iżda fil-fatt din il-liġi qiegħda tiġi aġġornata u emendata f'dan bil-mod? Wieħed jistenna li kien hemm mistennija sħiħa mill-koperattivi Maltin u Għawdxin għal din il-liġi. Forsi dan ġara għax, kif għedt diġa', fl-1996 il-Partit Nazzjonalista kien naqqas l-importanza tal-koperattivi fi ħdan il-fond ċentrali permezz ta' dik il-*legal notice* li semmejt, u kien il-Partit Laburista li neħħa dik l-inġustizzja hekk kif tela' fil-gvern.

Barra minn hekk jidher li f'din il-liġi mhux se jkun hemm ċaqliqiet kbar minn dik ta' qabilha. Se tingħata aktar enfasi għall-fatt li maż-żmien evolvew koperattivi ta' natura soċjali li wħud minnhom – u hawnhekk nistagħġeb jien - twaqqfu proprju taħt l-amministrazzjoni Nazzjonalista ta' bejn l-1987 u l-1996 meta kellha proprju tiġi emendata din il-liġi. Dak li missu qalilna l-viċi prim ministru, għaliex ħafna mill-koperattivi ta' natura soċjali diretta twaqqfu proprju fi żmienhom, imma dak iż-żmien il-Partit Nazzjonalista ma ħasibx biex jemenda l-liġi. Kellna nkunu aħna, bl-*impetus* tagħna, meta dħalna fit-tmexxija tal-pajjiż fl-1996, biex proprju nibdew ħidma sħiħa u sfiqa biex din il-liġi tiġi emendata.

Mr Speaker, fil-liġi naraw li qiegħda ssir enfasi għall-fatt li maż-żmien evolvew koperattivi ta' natura soċjali fejn il-ħaddiema joffru s-servizzi tagħhom, b'hekk ma baqgħux il-koperattivi governattivi biss li jimlew u jmexxu x-xena tal-moviment koperattivi. Il-liġi fiha nfisha tagħmel diversi referenzi għal dan it-tibdil u għaldaqstant koperattivi soċjali li kienu diġa' reġistrati issa qegħdin jiddaħħlu b'mod formali. Saru wkoll emendi biex jirregolaw ħwejjeġ li l-*board* beda jwettaq snin ilu u li allura ma kenux skond il-liġi, ukoll jekk ċerti affarijiet il-*board* kien diġa' qiegħed iwettaqhom. Dan ma kienx sew, għalhekk hija ħaġa tajba li llum qegħdin nagħtu l-*go ahead* formali għal dawn il-proċeduri. Fil-fatt anke fi żmien il-gvern Laburista, il-*board* beda mill-ewwel jaħdem fuq dan it-tibdil li proprju qegħdin niddiskutu llum.

Min-naħa l-oħra, l-akbar argument huwa proprju l-*board* innifsu. Jien ninnota li l-*board* tħalla bir-responsabilitajiet u bil-poteri – ikolli ngħid omnipotenti – li kellu qabel. Hawn nixtieq nagħmel mistoqsija u nittama li fil-*winding-up* il-viċi prim ministru jweġibni. Il-koperattivi huma kuntenti bil-*format* ġdid li qiegħed jingħata lil din il-liġi? Jekk le, x'inhi l-oġġezzjoni ewlenija tagħhom? Punt importanti li nixtieq insemmi hu li l-membri fuq il-*board* huma kollha appuntati direttament mill-ministru u lanqas biss hemm il-faċilita' li għallinqas numru minoritarju minn dawn il-membri fi ħdan il-*board* jintgħażlu, jew inkella jkunu proposti mill-koperattivi nfushom. Mhux talli hekk imma anke t-*terms of reference* ta' dawn il-membri huma wesgħin għall-aħħar, kif fil-fatt tixhed l-istess kompożizzjoni tal-*board* preżenti. Il-membri kollha tista' tgħid li huma ex-kandidati tal-Partit Nazzjonalista jew fl-elezzjonijiet ġenerali jew inkella fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali, bl-eċċezzjoni tal-president. Hawnhekk wieħed jara l-*bias* politiku li għandu l-*board* tal-koperattivi, li suppost qiegħed hemmhekk *first and foremost* biex jiġbed lejn l-interessi tal-moviment koperattiv Malti u mhux lejn xi partit politiku. Naħseb li dan hu l-każ li b'xi mod nistgħu nimmodifikaw fl-istadju ta' kumitat biex l-affarijiet ikunu iktar plawsibbli għal kulħadd.

Barra minn hekk, il-liġi ma taħsibx biex kull membru tal-*board* jirreġistra kull interess li jista' jkollu, peress li dan jista' b'xi mod jew ieħor iwassal biex joħloq anke konflitt ta' interess ma' l-istess pożizzjoni li jkun jokkupa f'dan l-istess *board.* Importanti li b'xi mod jew ieħor il-liġi taħseb biex il-membri ta' fuq il-*board* jiddikjaraw l-interessi tagħhom kollha ħalli kollox jitmexxa b'mod tassew trasparenti. Ir-reġistrar tal-koperattivi hawnhekk qiegħed jitpoġġa b'responsabbilta' assoluta fuq il-*board*, li se jibqa' jiġi appuntat kollu kemm hu mill-ministru. Fi żmienna konna qegħdin naħsbu biex din il-funzjoni partikolari nagħtuha tifsira kemmxejn differenti u tifsira aktar awtonoma. Din kienet xi ħaġa li kienet mistennija mill-koperattivi nfushom iżda sfortunatament din it-tip ta' awtonomija baqgħet ma sabitx post f'din il-liġi.

Punt pożittiv hu dak li jirrigwarda l-*international accounting standards.* Ħwejjeġ bħal dawn iqarrbu l-liġi tal-koperattivi anke lejn il-*Companies Act.* Iddaħħlet dik li tissejjaħ *duties as confidential* u multa marbuta magħha li tista' tlaħħaq sa massimu ta' Lm2,000. Din ukoll hija xi ħaġa pożittiva u tajba, għaliex il-membri li jagħmlu parti mill-*board,* importanti li jkollhom livell massimu ta' konfidenzjalita'. Għal dak li mbagħad għandu x'jaqsam ma' reġistrazzjoni

tas-soċjetajiet ta' koperattivi ġodda, jidher li qegħdin jitressqu żewġ emendi li jistgħu jiġu kontestati. L-ewwel emenda hija dik deskritta f'artiklu 28, li tgħid li jekk koperattiva tinstab li ma tistax tiġi reġistrata *in the first place*, din tista' tiġi reġistrata fuq bażi temporanja għal perijodu ta' mhux aktar minn 18-il xahar sakemm din tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa. Min-naħa l-oħra, jekk imbagħad ikollok koperattiva li tkun ġiet żviluppata mill-gvern innifsu, il-perijodu temporanju jista' jiġi estiż b'mod arbitrarju. Hawn tidħol il-kwestjoni ta' *two weights and two measures,* fis-sens li jekk għandna koperattiva privata allura nagħtuha ċans ta' 18-il xahar biex tirregola ruħha biex ikollha r-rekwiżiti meħtieġa, imbagħad min-naħa l-oħra koperattiva li tkun faqqset minn dipartiment tal-gvern lil din ma nagħtuha l-ebda limitu. Jiena nħoss li din hija inġustizzja mal-koperattivi privati u għandha tiġi rranġata.

It-tieni emenda fil-fehma tiegħi dibattibbli ħafna – barra milli hija ukoll *unfair* mill-*punto di vista* tal-koperattivi nfushom - hija li bil-liġi l-antika koperattiva li r-reġistrazzjoni tagħha ġiet deċiża xolta, din setgħet tappella minn dik id-deċiżjoni. Issa bil-liġi l-ġdida dan ma tistax tagħmlu aktar. Hawn qegħdin ngħidu li jekk ikollok koperattiva li per eżempju tinstab ħatja li kienet tiddikjara dħul inqas biex dak il-5% li suppost tikkontribwixxi lejn il-fond ċentrali jew li għamlet żmien twil ma tikkontribwixxi xejn, u allura l-*board* iddeċieda li tiġi mneħħija, din mhux se jkollha iżjed opportunita' li tispjega l-pożizzjoni tagħha. Wieħed irid jifhem li dan seta' sar bi żball min-naħa ta' l-*accountant* ta' l-istess koperattiva. Dawn huma ħwejjeġ li jistgħu jiġru b'danakollu l-liġi l-ġdida qiegħda ċċaħħad id-dritt li koperattivi li jiġrilhom hekk jistgħu jappellaw meta jinqatgħu mir-reġistrazzjoni. Għalija dan huwa pass retroattiv, pass li wieħed għandu jiddibattih iktar fid-dettal fi stadju taa' kumitat għax bħalissa mhux il-waqt li suġġett bħal dan jiġi diskuss fid-dettal.

Mr. Speaker, huwa xieraq li ngħid xi ħaġa wkoll dwar kwestjonijiet li jistgħu jinqalgħu fi ħdan il-moviment kollu kemm hu, li jirriferi għalihom artiklu 109 tal-liġi u dwar kif dawn jistgħu jissolvew. Filwaqt li qabel kull kwestjoni kienet tinstema' mill-*board* innifsu, issa l-kwestjoni trid tiġi riferuta lill-president taċ-ċentru ta' l-arbitraġġ ta' Malta. Jiena diġa' wrejt ċar id-differenza li teżisti bejn koperattiva u kumpannija għall-benefiċċju ta' dawk kollha li qegħdin jisimgħuna. Hawnhekk qegħdin nidħlu fi speċjalita', biex ngħid hekk, tal-qasam tax-xogħol, allura hija ħaġa tajba li naqbdu nbiddlu, nemendaw il-liġi b'dan il-mod u manjiera, biex meta jkun hemm xi kwestjoni flok inħalluha tiġi riżolta mill-istess *board* tal-koperattivi issa din trid tiġi referuta lill-president taċ-ċentru ta' l-arbitraġġ ta' Malta? Jiena ma rrid innaqqaslu l-ebda mertu mill-kapaċita' tiegħu, imma dan il-president taċ-ċentru ta' l-arbitraġġ ta' Malta żgur li għandu ħafna problemi x'jieħu ħsieb. Għalhekk ma nistax nifhem kemm b'din l-emenda se nimxu *fair* ma' l-interessi mhux biss tal-koperattivi – biex ma niftehimx ħażin – imma anke ta' l-istess gvern. Dan biex ma nsemmix ukoll id-dewmien żejjed li jista' jinħoloq issa minħabba s-soltu *bottlenecks* li se jkollna f'dawn is-*set-ups* kollha, li fl-aħħar mill-aħħar jien ma nafx kemm se jissodisfaw kemm lill-koperattivi kif ukoll lill-istess gvern.

Mr. Speaker, fost l-aspetti pożittivi f'dan l-abbozz insibu li n-numru ta' persuni stipulat bil-liġi biex ikunu jistgħu jiffurmaw koperattiva minn sebgħa se jinżel għal ħamsa. Dan jagħmel ħafna sens, speċjalment mil-lat ekonomiku – għall-*economies of scale* ta' pajjiżna – meta nafu li għandna kumpanniji żgħar li l-maġġoranza kbira tagħhom iħaddmu biss ftit nies. Uħud minnhom huma *family-run businesses* għalhekk nerġa' ntenni li din l-emenda tagħmel ħafna sens. Fuq linji ġenerali ddaħħlet aktar regolamentazzjoni stretta fuq dak li għandu x'jaqsam ma' organizzazzjoni u dmirijiet tas-soċjetajiet infushom, f'dan il-każ tal-koperattivi fejn id-drittijiet u l-obbligi tal-membri fi ħdan xi koperattiva partikolari huma mfissra b'mod ċar ħafna. Saru wkoll regolamenti marbuta mal-ħidma u t-tmexxija tas-soċjetajiet, regolamenti dwar il-proprjeta' u l-fondi tas-soċjetajiet u l-amalgamazzjoni tas-soċjetajiet. Dawn huma kollha aspetti

pożittivi li hu xieraq li wieħed isemmihom biex ħadd ma jieħu l-impressjoni li aħna rridu nuru biss dak li hu negattiv. Pero' xorta jibqagħli ċerti dubji dwar kif qegħdin jitħaddmu u jitmexxew ċerti koperattivi li għandna f'pajjiżna.

Iva, kultant niddubita anke kemm fil-fatt il-gvern preżenti jrid iġib 'il quddiem il-moviment koperattiv Malti. Bħala prova ta' dan se nsemmi eżempju li wasalli f'widnejja proprju l-ġimgħa l-oħra. Ilkoll nafu kemm it-toroq tagħna joħolqu problemi għas-sewwieqa u li xi drabi jafu jippreżentaw diversi diżgrazzji. Mela l-koperattiva li tieħu ħsieb is-sinjali tat-toroq m'għandhiex flus biex tixtri ż-żebgħa u l-*poles* tas-sinjali tat-toroq. Issa ma ninsewx li l-koperattiva tiċċarġja, ngħidu aħna lill-kunsilli lokali, dawn jgħaddu l-flus lill-gvern biex imbagħad dan jiffinanzja l-ħtiġijiet tal-koperattiva. Issa meta wieħed jibda jisma' dawn l-argumenti, dawn il-*complaints* mingħand l-istess ħaddiema li jaħdmu f'din il-koperattiva, bilfors jibda jiddubita kemm verament dan il-gvern għandu għal qalbu l-funzjoni tal-koperattivi f'pajjiżna.

*Issue* oħra li proprju ġejt informat biha dan l-aħħar tikkonċerna t-twaqqif ta' koperattiva għat-tobba li jaħdmu fil-polikliniċi. Qabel xejn tajjeb naraw kif il-polikliniċi qegħdin jitmexxew taħt dan il-gvern. Jidher ċar li f'dan il-każ hemm nieqsa l-*buona volonta* min-naħa tal-gvern. M'hu veru xejn li hemm nuqqas ta' interess min-naħa tal-ħaddiema nfushom, tat-tobba, tan-*nurses*, ta' l-i*staff* paramediku u tal-fattigi. Hija n-naħa tal-gvern li m'hijiex turi ċertu *commitment* u dan mhux qed ngħidu jien imma qiegħed jgħidu Ċikku l-poplu fit-toroq tagħna. Lili, bħal sħabi t-tobba, jasluli kuljum ċerti *complaints,* imma nerġa' nsostni li t-tort m'huwiex tat-tobba jew ta' l-*istaff* mediku u paramediku li jaħdmu fil-polikliniċi. Dawn qegħdin jagħmlu minn kollox biex jaqdu l-funzjoni tagħhom mill-aħjar li jistgħu imma jekk għaxar snin ilu konna nkunu per eżempju erba' tobba nħaddmu l-poliklinika ta' Raħal Ġdid, li tkoprilek *captive market* ta' 90,000 ruħ għax għandek il-Kottonera u l-inħawi ta' Birżebbuga, Marsaxlokk u Wied il-Għajn, li kollha jużaw din il-poliklinika. Dak iż-żmien bilkemm konna nlaħħqu max-xogħol, mela aħseb u ara llum, Mr Speaker, kif iridu jlaħħqu ma' dan ix-xogħol kollu żewġ tobba biss! Alla jħares tinqala' xi diżgrazzja f'dawk l-inħawi għax ma nafx xi jrid isir.

Issa jekk stess titwaqqaf koperattiva tat-tobba tal-polikliniċi, u titwaqqaf fis-sens li l-gvern xorta jżomm responsabbilta' *sagrosanta* soċjali ta' din il-koperattiva, tkun ħaġa flokha ħafna jekk qabel tinsab soluzzjoni dejjiema għal din il-problema. Jiena nsostni li s-sitwazzjoni f'din l-*area* hija waħda allarmanti. Ma rridux min-naħa l-oħra nwaqqfu koperattiva tat-tobba tal-polikliniċi biex il-gvern ifarfar mir-responsabbilta' tiegħu. Inkella l-poplu se jqum, u warajh se jsib il-Partit Laburista, għaliex il-Partit Laburista kien u għadu jemmen li s-servizzi pubbliċi tas-saħħa għandhom ikunu *the best* f'pajjiżna u għandhom ikunu x-xempju għas-servizz privat. (Interruzzjonijiet) U mela jkun is-*safety tap* tal-privat, bħalma qed jiġri bħalissa! Il-pazjenti m'humiex jinqdew bil-polikliniċi u qegħdin ikollhom imorru jfittxu tobba privati. Imbagħad jekk forsi ma jinqdewx allura jaraw kif jagħmlu u jibqgħu jistennew hemmhekk xi sitt sigħat fil-kju.

Mhux darba jew tnejn jiġu pazjenti għandi u jgħiduli li jkunu ċemplu f'nofs ta' lejl u t-tabib sabbtilhom it-*telephone* għax lanqas biss ried jismagħhom. Apparti l-fatt li din m'hijiex attitudni tajba, imma wieħed irid jifhem li lil dan l-individwu ma tistax tagħtih tort għax jekk jitlaq hu se jħalli 'l poliklinika weħidha, u jekk jidħol xi ħadd b'xi emerġenza dan m'hu se jsib lil ħadd biex jaqdih. Din hija sitwazzjoni inkredibbli u allarmanti għall-aħħar. Mela, jekk hemm il-ħsieb li titwaqqaf koperattiva għat-tobba li jaħdmu fil-polikliniċi, hemm bżonn tinsab soluzzjoni immedjata għal din il-problema. Hemm bżonn li l-polikliniċi tagħna jitmexxew b'aktar effiċjenza u mingħajr ma ndaħħlu lill-poplu Malti fi spejjeż żejda. F'dan il-każ, din il-

koperattiva se tkun suċċess, m'għandix dubbju, imma jekk minn naħa l-oħra l-gvern se jużaha biex jabdika mir-responsabilitajiet tiegħu, il-gvern se jiżbalja bil-kbir. Għax nerġa' ngħid, il-poplu se jqum għalih u m'hemmx dubju, warajh se jsib l-oppożizzjoni.

Qabel intemm id-diskors tiegħi se nagħmel serje ta' mistoqsijiet li nħoss jixirqilhom tweġiba. Nibda biex nistaqsi lill-Viċi Prim Ministru dwar meta ltaqa' l-aħħar il-fond ċentrali. Ninsab informat li l-fond ċentrali tal-koperattivi ilu ma jiltaqa' x-xhur u din m'hijiex serjeta' l-aktar meta nafu kemm hawn problemi fid-dinja tax-xogħol inġenerali u ma ninsewx illi l-koperattivi huma parti mid-dinja tax-xogħol. Issa n-naħa tal-gvern fl-aħħar bdiet tammetti li l-istatistika ta' l-ETC ma tistax toqgħod fuqha. Proprju ħmistax ilu, konna fuq Net Television jiena u l-viċi prim ministru u hu ammetta pubblikament li m'huwiex sodisfatt kif qiegħda toħroġ l-istatistika mill-ETC rigward il-qasam tax-xogħol. Jiena persważ li d-diffikultajiet li hemm fil-qasam tax-xogħol huma riflessi wkoll fil-koperattivi u allura ma nistax nifhem kif tista' tħalli l-fond ċentrali ma jiltaqax ix-xhur. U dwar dan tajjeb li l-viċi prim ministru jirrispondi fil-*winding-up*.

Niġi issa dwar l-*issue* ta' kemm huma finanzjarjament vijabbli l-koperattivi. Hawn nerġa' nsemmi l-eżempju li semmejt dwar il-koperattiva tas-sinjali tat-toroq. Ċerti koperattivi kemm huma finanzjarjament vijabbli? Din il-problema tal-vijabilita' finanzjarja se tiġi ndirizzata mil-liġi l-ġdida? Se nagħmlu passi pro-attivi biex nindirizzaw din il-problema? U b'riferenza għal dak illi tant faħħar fil-bidu l-viċi prim ministru, *cioe'* il-Maġistrat Dr Joe Cassar, jista' Dr Gonzi jinformana kemm fallew koperattivi li kienu twaqqfu fiż-żmien meta Dr Cassar kien jagħmel parti mill-amministrazzjoni Nazzjonalista? Importanti li nkunu nafu għax ma ninsewx li l-viċi prim ministru għoġbu *of all people* ifaħħar lil din il-persuna. (Interruzzjonijiet) Jien m'għandi xejn personali kontra din il-persuna imma inti semmejtu, u la semmejtu issa qabbadtni kurżita' kbira.

Mistoqsija oħra: Il-koperattivi meta ħallsu, u min minnhom ħallas l-aħħar kontribuzzjonijiet ta' 5% lill-fond ċentrali? Veru li hemm koperattivi li għal xi raġuni jew oħra m'humiex qegħdin jikkontribwixxu l-5% li suppost jgħaddu lill-bank ċentrali? Jekk dan hu veru, min huma dawn u x'inhi r-raġuni? Barra minn hekk, jekk dawn ilhom ma jħallsu, għaliex il-gvern mhux qiegħed jiġri warajhom? X'inhi r-raġuni li l-gvern mhux qiegħed jippersisti biex dawn jaqdu dmirhom kif imiss? Dawn il-mistoqsijiet – uħud minnhom politiċi u oħrajn tekniċi – qed nagħmilhom għaliex meta tkun qed tiġi emendata liġi b'mod tajjeb ħafna, tant li n-naħa ta' l-oppożizzjoni naqblu magħha, ma nixtiqux illi x-xogħol siewi li sar miż-żewġ amministrazzjonijiet fuq liġi bħal din itir mar-riħ. Għal kuntrarju wieħed jixtieq illi x-xogħol li sar jissarraf f'xi ħaġa li l-funzjoni tagħha se tkun iktar vantaġġi għall-moviment koperattiv Malti.

Nispera, u nagħlaq biha, Mr Speaker, li din il-liġi tista' tgħin u sservi ta' sostenn lill-koperattivi tagħna. Nispera li din il-liġi tgħin ukoll il-qasam tax-xogħol li bħalissa għaddej minn mument kemmxejn diffiċli. Ma ninsewx li hemm diversi rapporti, anke ta' l-*EU,* li għadhom moħbija sal-ġurnata tal-lum. Daqs sena ilu poġġejt fuq il-Mejda tal-Kamra rapport li kkummissjonat l-ETC stess mingħand l-FAS ta' l-Irlanda. Sadattant il-Viċi Prim Ministru għadu sal-lum ma poġġiehx fuq il-Mejda tal-Kamra. Dan ir-rapport jgħid li se jkun hemm *large scale redundancies in the eventuality of Malta joining the EU".* Dawn ir-*redundancies* jiena persważ illi bħalma jaffettwaw id-dinja kollha tax-xogħol, hekk ukoll se jaffettwaw lill-koperattivi. Hawn nixtieq nistaqsi: Il-liġi kif qed tiġi emendata se tindirizza din l-eventwalita' u din il-problema li se jkollhom jiffaċċjaw hu l-koperattivi? Grazzi.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Michael Asciak.

**ONOR MICHAEL ASCIAK:** Nixtieq nibda bl-aħħar nota ta' l-Onor. Karl Chircop dwar il-*large scale redundancies*. Ma nistax nifhem kif il-Labour Party se jibqa' għaddej billi jwassal lill-poplu tagħna nuqqas ta' verita', biex ma ngħidx gideb.

Irrid infakkar li bħal dan iż-żmien sena eżatt, konna f'kummissjoni mista tal-Parlament Malti fil-Parlament Ewropew ġewwa Brussels. Dakinhar id-delegati li kienu jirrappreżentaw lill-Malta Labour Party f'dak il-kumitat konġunt qajmu din il-kwestjoni hemmhekk ukoll. Qabeż id-deputat Mark Watts – dan jien kont ktibtlu wara li kont ġejt lura Malta – u weġibhom hekk:

> *"If the Malta Labour Party thinks that the European Union is going to create a lack of jobs instead of increasing jobs, they are grossly wrong"*

Dan il-kliem kont ikkwotajtu f'artiklu tiegħi. Anzi Mark Watts ma waqafx hemm imma qal ukoll illi fl-Ingilterra numru ta' *jobs* – madwar tliet miljuni – huma attribwiti għall-fatt li l-Ingilterra hija membru ta' l-Unjoni. Dan ifisser li kieku l-Ingilterra kellha tirtira għada mill-Unjoni, immedjatament titlef dawn il-*jobs* kollha barra l-impjiegi l-oħra illi huma kollaterali. Għalhekk ma nistax nara sens f'dan l-argument ta' l-Onor. Chircop, u la bdejt bl-Unjoni Ewropea, ħa nkompli biha.
Mr. Speaker, qegħdin nitkellmu fuq abbozz li jirrigwarda l-koperattivi, abbozz li se jieħu post l-abbozz li kien hemm qabel. Issa tajjeb niftakru li Malta hija kandidata biex tidħol fl-Unjoni Ewropea u hawn ta' min jgħid li l-Unjoni tagħti fondi u programmi kbar biex tgħin lill-koperattivi. Jiena ngħid li dan il-gvern altru li jemmen fil-koperattivi, għax fihom huwa jara aspett ieħor soċjali, għax huma parti minn dak il-komunitarjeta' li l-Partit Nazzjonalista jemmen fiha. U l-Unjoni, li sa ftit ilu kienet *The European Community,* ukoll għandha l-aġenda soċjali tagħha fejn tpoġġi f'pożizzjoni għolja dawn il-koperattivi. Tant huwa minnu dan li qed ngħid illi fi ħdan l-Unjoni jeżistu *lobby groups* qawwija favur il-koperattivi, waħda minnhom hija l-APEX. Wieħed ma jistax ma jsemmix f'dan ir-rigward il-koperattiva ta' l-agrikoltura, li hija l-iktar waħda b'saħħitha fost dawn il-*lobby groups.* Hemm ukoll il-*lobby group* tal-koperattiva tat-trasport, li wkoll huwa *lobby* enormi. Dan huwa mezz kif il-koperattivi jagħtu sehem dirett u qawwi f'dik li hija *decision-making* fl-Unjoni Ewropea.

Barra dan, ta' min insemmi wkoll il-programmi kbar li għandha l-Unjoni għar-riċerka u għall-iżvilupp – *research and development programmes* – partikolarment għal dawk il-koperattivi żgħar li jaqgħu taħt il-kappa ta' *small and medium sized enterprises*, li huma l-biċċa l-kbira ta' l-industrija kollha li għandna Malta u xi 90% ta' l-industrija li teżisti fl-Ewropa. Dawn il-programmi, illi fost l-oħrajn jinkludu l-*fifth framework programme,* li jlaħħaq 'il fuq minn 500 miljun euro, jagħti u mhux jislef il-flus. Dawn huma *grants* u mhux *loans* li l-koperattivi jistgħu jagħmlu użu minnhom biex ikunu jistgħu jinvestu fl-edukazzjoni, f'makkinarju u fi *training*. Fost il-benefiċċjarji ta' dan il-*fifth framework programme* hemm il-programm CRAFT, li jfisser *co-operative research action for technology*. Dan kollu juri li dak li għadu kemm qal l-Onor. Chircop żgur li m'huwiex minnu. Jiena dan issoponejtu għax issa saret tradizzjoni tal-Labour Party li jtemmu kull diskors li jagħmlu kontra l-Unjoni Ewropea. Huwa għalhekk li jiena bdejt bit-tradizzjoni tiegħi li fejn nara l-affarijiet ma jagħmlux sens nirribattihom minnufih.

Issa niġi biex nagħti ħarsa lejn il-liġi li għandna quddiemna llum. Din hija liġi li hija l-frott ta' djalogu u ta' eżerċizzju twil ta' konsultazzjoni mal-pubbliku u ma' dawk l-għaqdiet tal-koperattivi u hija liġi li għandha żewġ għanijiet kbar. Trid tersaq lil hemm mill-*big daddy attitude* li kien hemm qabel, jiġifieri li l-koperattivi riedu joqogħdu jitolbu l-permess tal-*board* kull meta nqala' argument bejniethom; imbagħad il-*board* ried jirreferi l-argument lill-ministru

li kien irid joqgħod jagħmilha ta' arbitru jew ta' imħallef. Dawk kienu biss fdaljijiet ta' l-era soċjalista! Aħna li nemmnu fl-awtonomija tal-bniedem nemmnu wkoll fl-awtonomija tal-koperattivi u għalhekk waħda mill-miżuri ta' din il-liġi hija li fejn ikun hemm dan id-diżgwid dan għandu jmur minnufih għall-arbitraġġ mingħajr ma joqgħod jgħaddi mill-proċeduri illi semmejt qabel. Punt ieħor importanti huwa li minn issa 'l quddiem il-koperattivi se jkollhom l-*accounts* tagħhom *audited by certified public accountant* biex nassiguraw li jkun hemm is-serjeta' għall-ġid tal-koperattivi nfushom. B'hekk, kuntrarju għal dak li qal l-Onor. Chircop, il-koperattivi se jkunu iktar awtonomi u m'humiex se jibqgħu daqshekk dipendenti mill-gvern.

Rigward il-koperattivi fil-qasam tas-saħħa l-Onor. Chircop missu jaf li dawn mhux il-gvern se jagħmilhom imma dawn huma koperattivi tal-ħaddiema. Wieħed ma jridx jinsa li hemm tipi differenti ta' koperattivi, imma kull koperattiva hija għaqda awtonoma bejn ċertu numru ta' nies fuq bażi volontarja. Nerġa' ntenni li l-gvern ma jorganizzax il-koperattivi, imma dawn jorganizzawhom il-ħaddiema għall-ġid tagħhom stess. Nafu li din il-liġi wkoll tniżżel in-numru minimu tal-membri tal-koperattivi minn sebgħa għall-ħamsa. Dan huwa pass importanti li ttieħed f'pajjiżi oħra mseħbin fl-Unjoni Ewropea fejn uħud niżżluhom anke għal tlieta. Aħna ħsibna li forsi wieħed kellu jaddatta l-bilanċ ta' bejniethom u għalhekk wasalna għal ħames membri. Illum nafu li f'Malta hawn xi 45 koperattiva, numru li lili personalment ma jissodisfanix. Barra minn hekk, jiena nixtieq nara aktar nisa f'dan il-qasam, għax ikollna nammettu li l-persentaġġ tal-koperattivi li fihom jipparteċipaw in-nisa f'Malta, huwa baxx ħafna komparat ma' dak ta' l-Unjoni Ewropea. Imma qabel xejn x'inhi l-koperattiva?

Koperattiva hija għaqda differenti minn kumpannija, għax hawn kull membru għandu vot irrispettivament mis-sehem u mill-flus li jkollu. Kull koperattiva tgħin ħafna, speċjalment lil dawk li jgħidulhom *workers co-operatives* li jħallsu l-bolla ta' impjegat u mhux ta' *self-employed.* Mela għalkemm ma jkunux proprja impjegati, b'danakollu jekk ikunu membru ta' *workers co-operative* dawn xorta waħda jħallsu l-bolla ta' impjegat. Huma lanqas iħallsu t-taxxa ta' 35% kif iħallsu l-kumpanniji imma minflok iħallsu biss 5% lill-fond ċentrali li jiġi amministrat mill-ministru u minn membri eletti mill-koperattivi. Dan il-fond jintuża għall-investiment tal-koperattivi kif ukoll għall-edukazzjoni tal-membri tagħhom stess. Jgħin anke biex isiru *loans* mill-banek Maltin, *loans* li mhux biss ikunu assigurati, imma li l-interess tagħhom ikun issussidjat minn dan il-fond. Dan ifisser li dawn jispiċċaw biex flok iħallsu imgħax ta' 7%, 8%, iħallsu biss 3% jew 4%. Ċertament li hija ħaġa tajba li l-gvern jgħin lil koperattivi tagħna, u meta nsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea, koprattivi bħal dik tal-bdiewa u tas-sajjieda se jkunu f'pożizzjoni ħafna iktar b'saħħitha.

Jiena nieħu gost nara t-twaqqif ta' koperattivi tal-ħaddiema f'pajjiżna, pero' nħoss li wasal iż-żmien illi f'Malta naraw jitwaqqfu wkoll koperattivi tal-konsumaturi. F'ċerti dipartimenti tal-gvern ħafna ħaddiema, bħal dawk li jagħmlu s-sinjali tat-traffiku, tal-*laundry* ta' l-isptar u mingħalija tas-sezzjoni tas-salarji, dawn kollha waqqfu koperattiva bir-riżultat li qegħdin jaqilgħu ħafna iktar flus milli fil-fatt kienu jaqilgħu qabel. Sadattant, lil dawn il-gvern xorta jibqa' jagħtihom il-paga, naturalment fl-aħħar tax-xahar jerġgħu jirritornaw il-paga lill-gvern u jżommu l-profitti li jkun fadlilhom mill-qligħ li jkunu għamlu. Dan kollu wassal biex l-effiċjenza żdiedet immens, barra milli l-qligħ qabeż sew il-pagi, għalhekk diversi ħaddiema sabu li b'din is-sistema jaqblilhom aktar.

Jien nagħlaq billi nħeġġeġ lill-Maltin u l-Għawdxin biex jifformaw dawn it-tipi ta' koperattivi għaliex bl-Ingliż jgħidu *there is safety in numbers*, barra li hemm anke nvolut il-prinċipju tas-solidarjeta'. Jiena persważ li l-oppożizzjoni taqbel ma' din il-liġi, għalhekk ma narax għalfejn noqgħod nieħu aktar mill-ħin siewi ta' din il-Kamra. Nirringrazzjak.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Insejjaħ lill-Viċi Prim Ministru biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament tal-Kamra.

*Fid-9.00 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.*